Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2024/2117(INI)

19.3.2026

EMENDI
1 - 224

Abbozz ta' rapport
Matthias Ecke
(PE779.360v01-00)

Qafas tat-taxxa koerenti għas-settur finanzjarju tal-UE
(2024/2117(INI))

Emenda 1
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/1114 dwar is-swieq fil-kriptoassi (MiCA),

Or. en

Emenda 2
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2023 dwar l-istabbiliment ta' sistema ta' Taxxa tal-Uffiċċju Reġistrat għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u l-emendar tad-Direttiva 2011/16/UE,

Or. en

Emenda 3
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea,

Or. en

Emenda 4
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Il-ġenerazzjoni li jmiss tar-rizorsi proprji tal-Baġit tal-UE" (COM(2021)0566),

Or. en

Emenda 5
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji u tal-assigurazzjoni,

Or. en

Emenda 6
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tat-30 ta'

Settembru 2025 dwar iż-Żieda fid-Disponibbiltà tal-Kontijiet ta' Tfaddil u ta' Investiment bi Trattament tat-Taxxa Simplifikat u Vantaġġuż,

Or. en

Emenda 7
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Bank Dinji "VAT Exemptions, Embedded Tax, and Unintended Consequences" (Eżenzjonijiet mill-VAT, Taxxa Inkorporata, u Konsegwenzi Mhux Intenzjonati), minn Mejju 2025,

Or. en

Emenda 8
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi, fl-ittra ta' missjoni ***tagħha*** tal-2024 lill-Kummissarju responsabbli ***għat-tassazzjoni, Wopke Hoekstra, il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen inkarigat lill-Kummissjoni*** tidentifika soluzzjonijiet innovattivi għat-tassazzjoni tas-settur finanzjarju tal-UE biex tappoġġja ***aktar integrazzjoni*** tas-settur, l-attività transfruntiera u l-innovazzjoni; billi l-Kummissjoni ***nediet*** studju dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju fl-UE;	A. billi, fl-ittra ta' missjoni ***tal-President tal-Kummissjoni*** tal-2024 lill-Kummissarju responsabbli ***mit-tassazzjoni, il-Kummissjoni hija inkarigata li*** tidentifika soluzzjonijiet innovattivi għat-tassazzjoni tas-settur finanzjarju tal-UE biex tappoġġja ***l-integrazzjoni ulterjuri*** tas-settur, l-attività transfruntiera u l-innovazzjoni; billi l-Kummissjoni ***varat*** studju dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju fl-UE ***bil-ħsieb li tivvaluta d-distorsjonijiet, l-eżenzjonijiet u l-lakuni li***

jeżistu fil-qafas attwali tat-taxxa, inkluż it-trattament preferenzjali ta' ċerti servizzi finanzjarji, il-kostijiet moħbija tal-VAT u li tesplora l-għażliet għal approċċ aktar koerenti, progressiv u sostenibbli għat-tassazzjoni tas-settur finanzjarju fil-livell tal-Unjoni; ***billi dan ix-xogħol huwa partikolarment rilevanti fid-dawl tal-fatt li l-Unjoni jeħtiġilha timmobilizza riżorsi proprji ġodda, tiffinanzja t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn is-setturi finanzjarji tal-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 9
Gilles Boyer, Katri Kulmuni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi, fl-ittra ta' missjoni tagħha tal-2024 lill-Kummissarju responsabbli għat-tassazzjoni, Wopke Hoekstra, il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen inkarigat lill-Kummissjoni tidentifika soluzzjonijiet innovattivi għat-tassazzjoni tas-settur finanzjarju tal-UE biex tappoġġja aktar integrazzjoni tas-settur, l-attività transfruntiera u l-innovazzjoni; billi l-Kummissjoni nediet studju dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju fl-UE;	A. billi, fl-ittra ta' missjoni tagħha tal-2024 lill-Kummissarju responsabbli għat-tassazzjoni, Wopke Hoekstra, il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen inkarigat lill-Kummissjoni tidentifika soluzzjonijiet innovattivi għat-tassazzjoni tas-settur finanzjarju tal-UE biex tappoġġja aktar integrazzjoni tas-settur, l-attività transfruntiera u l-innovazzjoni; billi l-Kummissjoni nediet studju dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju fl-UE; ***billi kwalunkwe inizjattiva futura jenħtieġ li tnaqqas il-frammentazzjoni fis-suq intern u ssaħħaħ il-kompetittività billi tiżgura qafas tat-taxxa għas-servizzi finanzjarji li jkun koerenti, prevedibbli u newtrali, filwaqt li tqis id-diversità tal-mudelli tan-negozju u l-interazzjonijiet tat-taxxa madwar is-settur finanzjarju kollu tal-UE;***

Or. en

Emenda 10
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi, fl-ittra ta' missjoni tagħha tal-2024 lill-Kummissarju responsabbli għat-tassazzjoni, Wopke Hoekstra, il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen inkarigat lill-Kummissjoni tidentifika soluzzjonijiet innovattivi għat-tassazzjoni tas-settur finanzjarju tal-UE biex tappoġġja aktar integrazzjoni tas-settur, l-attività transfruntiera u l-innovazzjoni; billi l-Kummissjoni nediet studju dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju fl-UE;	A. billi, fl-ittra ta' missjoni tagħha tal-2024 lill-Kummissarju responsabbli għat-tassazzjoni, Wopke Hoekstra, il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen inkarigat lill-Kummissjoni tidentifika soluzzjonijiet innovattivi għat-tassazzjoni tas-settur finanzjarju tal-UE biex tappoġġja aktar integrazzjoni tas-settur, l-attività transfruntiera***, id-diġitalizzazzjoni*** u l-innovazzjoni; billi l-Kummissjoni nediet studju dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju fl-UE;

Or. es

Emenda 11
Gilles Boyer, Katri Kulmuni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi s-settur finanzjarju tal-UE għandu rwol ċentrali fil-finanzjament tal-ekonomija reali, fl-appoġġ għall-innovazzjoni u fl-iffaċilitar tal-investiment; billi settur finanzjarju stabbli, reżiljenti u kompetittiv huwa, għalhekk, essenzjali għat-tkabbir ekonomiku, għall-istabbiltà finanzjarja u għall-mobilizzazzjoni tal-kapital meħtieġ biex jingħata appoġġ lit-tranżizzjoni diġitali, dik ekoloġika u dik strateġika tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 12
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi t-tassazzjoni tibqa' l-kompetenza tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 13
Gilles Boyer, Katri Kulmuni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi, skont id-data tal-Eurostat, is-settur finanzjarju huwa komponent sinifikanti tal-ekonomija tal-Unjoni, li ġġenera madwar EUR 0.9 triljun f'valur miżjud fl-2022, filwaqt li ħaddem madwar 5 miljun ruħ u rreġistra fatturat nett ta' madwar EUR 2.4 triljuni; billi s-settur jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-finanzi pubbliċi permezz tat-tassazzjoni korporattiva, it-taxxi fuq il-pagi u l-imposti speċifiċi għas-settur;

Or. en

Emenda 14
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-servizzi finanzjarji huma ġeneralment eżentati mit-taxxa fuq il-	***imħassar***

valur miżjud (VAT) fl-UE; billi l-istituzzjonijiet finanzjarji ma jistgħux inaqqsu l-VAT imħallsa fuq l-inputs tagħhom minħabba dik l-eżenzjoni, u dan jikkawża l-"problema irrekuperabbli tal-VAT";

Or. fr

Emenda 15
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-servizzi finanzjarji huma ***ġeneralment*** eżentati mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fl-UE; billi l-istituzzjonijiet finanzjarji ma jistgħux inaqqsu l-VAT imħallsa fuq l-inputs tagħhom minħabba dik l-eżenzjoni, u dan jikkawża l-"problema irrekuperabbli tal-VAT";	B. billi s-servizzi finanzjarji huma eżentati mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fl-UE; billi l-istituzzjonijiet finanzjarji ma jistgħux inaqqsu l-VAT imħallsa fuq l-inputs tagħhom minħabba dik l-eżenzjoni, u dan jikkawża l-"problema irrekuperabbli tal-VAT";

Or. es

Emenda 16
Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-servizzi finanzjarji huma ġeneralment eżentati mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fl-UE; billi l-istituzzjonijiet finanzjarji ma jistgħux inaqqsu l-VAT imħallsa fuq l-inputs tagħhom minħabba dik l-eżenzjoni, u dan jikkawża l-"problema irrekuperabbli tal-VAT";	B. billi s-servizzi finanzjarji huma ġeneralment eżentati mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fl-UE; billi l-istituzzjonijiet finanzjarji ma jistgħux inaqqsu l-VAT imħallsa fuq l-inputs tagħhom minħabba dik l-eżenzjoni, u dan jikkawża l-"problema irrekuperabbli tal-VAT"; ***billi din is-sitwazzjoni spiss tirriżulta f'kostijiet addizzjonali għall-istituzzjonijiet finanzjarji u tista' tinfluwenza d-deċiżjonijiet f'dawk li huma***

organizzazzjoni u esternalizzazzjoni fi ħdan is-settur, u għalhekk ma tikkostitwix vantaġġ tat-taxxa għall-forniturи tas-servizzi finanzjarji;

Or. en

Emenda 17
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-servizzi finanzjarji huma ġeneralment eżentati ***mit-taxxa fuq il-valur*** miżjud (VAT) fl-UE; billi l-istituzzjonijiet finanzjarji ma jistgħux inaqqsu l-VAT imħallsa fuq l-inputs tagħhom minħabba dik l-eżenzjoni, u dan jikkawża ***l-*** "problema irrekuperabbli ***tal-VAT"***;	B. billi s-servizzi finanzjarji huma ġeneralment eżentati ***mit-Taxxa fuq il-Valur*** Miżjud (VAT) fl-UE; billi l-istituzzjonijiet finanzjarji ma jistgħux inaqqsu l-VAT imħallsa fuq l-inputs tagħhom minħabba dik l-eżenzjoni, u dan jikkawża ***l-hekk imsejħa*** "problema ***tal-VAT*** irrekuperabbli***", billi din l-eżenzjoni tirriżulta f'kostijiet moħbija tal-VAT li għandhom impatt fuq il-konsumaturi, jgħawġu l-mudelli tan-negozju u joħolqu żvantaġġi kompetittivi għall-forniturи tas-servizzi li huma iżgħar, diġitali u transfruntiera***;

Or. en

Emenda 18
Matthias Ecke, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-servizzi finanzjarji huma ġeneralment eżentati mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fl-UE; billi l-istituzzjonijiet finanzjarji ma jistgħux inaqqsu l-VAT imħallsa fuq l-inputs tagħhom minħabba	B. billi s-servizzi finanzjarji huma ġeneralment eżentati mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fl-UE; billi l-istituzzjonijiet finanzjarji ma jistgħux inaqqsu l-VAT imħallsa fuq l-inputs tagħhom minħabba

dik l-eżenzjoni, u dan jikkawża l-"problema irrekuperabbli tal-VAT";	dik l-eżenzjoni, u dan jikkawża l-"problema irrekuperabbli tal-VAT"; ***billi l-għażla biex l-istituzzjonijiet jagħżlu li jipparteċipaw fil-VAT hija applikata b'mod inkonsistenti madwar l-Istati Membri, u dan iwassal għal aktar distorsjonijiet tas-suq u kumplessità amministrattiva;***

Or. en

Emenda 19
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-eżenzjoni mill-VAT tmur lura għall-1977 meta l-intaxxar tas-servizzi finanzjarji ma kienx teknikament fattibbli; billi l-avvanzi teknoloġiċi issa jagħmlu tali tassazzjoni vijabbli u diversi ġuriżdizzjonijiet madwar id-dinja rrevedew eżenzjonijiet simili;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 20
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-eżenzjoni mill-VAT tmur lura għall-1977 meta l-intaxxar tas-servizzi finanzjarji ma kienx teknikament fattibbli; billi l-avvanzi teknoloġiċi issa jagħmlu tali tassazzjoni vijabbli u diversi ġuriżdizzjonijiet madwar id-dinja rrevedew eżenzjonijiet simili;	***imħassar***

Or. en

Emenda 21
Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-eżenzjoni mill-VAT tmur lura għall-1977 meta l-intaxxar tas-servizzi finanzjarji ma kienx teknikament fattibbli; billi l-avvanzi teknoloġiċi ***issa jagħmlu tali tassazzjoni vijabbli u diversi ġuriżdizzjonijiet madwar id-dinja rrevedew eżenzjonijiet simili***;	C. billi l-eżenzjoni mill-VAT tmur lura għall-1977 meta l-intaxxar tas-servizzi finanzjarji ma kienx teknikament fattibbli; billi ***minn dak iż-żmien 'il hawn, minħabba*** l-avvanzi teknoloġiċi***, ċerti elementi tal-qafas sfaw obsoleti; billi filwaqt li l-bażi loġika għall-eżenzjoni tibqa' valida, il-qafas jenħtieġ li jiġi modernizzat biex jittejbu s-sempliċità, iċ-ċertezza tad-dritt u n-newtralità u biex jiġu evitati l-frammentazzjoni addizzjonali u l-piżijiet tal-konformità sproporzjonati***;

Or. en

Emenda 22
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-eżenzjoni mill-VAT tmur lura għall-1977 meta l-intaxxar tas-servizzi finanzjarji ma kienx teknikament fattibbli; billi l-avvanzi ***teknoloġiċi*** issa jagħmlu tali tassazzjoni vijabbli ***u diversi ġuriżdizzjonijiet madwar id-dinja rrevedew eżenzjonijiet simili***;	C. billi l-eżenzjoni mill-VAT tmur lura għall-1977 meta l-intaxxar tas-servizzi finanzjarji ma kienx teknikament fattibbli ***minħabba l-kumplessità tal-ipprezzar tal-intermedjazzjoni finanzjarja u l-kapaċità limitata biex il-valur miżjud jiġi ttraċċat u allokat***; billi l-avvanzi ***sinifikanti fil-qasam teknoloġiku, dak diġitali u dak superviżorju, inkluż l-ipproċessar tad-data f'ħin reali u r-rekwiżiti ta' rappurtar imtejba, minn dakinhar 'il hawn neħħew ħafna mill-ostakli tekniċi li oriġinarjament iġġustifikaw l-eżenzjoni u*** issa jagħmlu tali tassazzjoni vijabbli;

Or. en

Emenda 23
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-eżenzjoni mill-VAT tmur lura għall-1977 meta l-intaxxar ***tas-servizzi finanzjarji ma kienx teknikament fattibbli***; billi l-avvanzi teknoloġiċi ***issa jagħmlu tali tassazzjoni vijabbli*** u diversi ġuriżdizzjonijiet madwar id-dinja rrevedew eżenzjonijiet simili;	C. billi l-eżenzjoni mill-VAT ***applikabbli għal diversi servizzi finanzjari*** tmur lura għall-1977 meta l-intaxxar ***ta' tali servizzi ikkawżaw diffikultajiet tekniċi u amministrattivi sinifikanti***; billi l-avvanzi teknoloġiċi ***parzjalment naqqsu tali diffikultajiet*** u diversi ġuriżdizzjonijiet madwar id-dinja rrevedew eżenzjonijiet simili;

Or. es

Emenda 24
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi diversi ġurisdizzjonijiet madwar id-dinja rrevedew eżenzjonijiet simili jew introduċew forom alternattivi ta' tassazzjoni tas-servizzi finanzjarji, sabiex inaqqsu d-distorsjonijiet, iwessgħu l-bażi tat-taxxa u jiżguraw kontribut aktar ġust tas-settur finanzjarju għad-dħul pubbliku; billi ż-żamma ta' eżenzjoni wiesgħa mill-VAT tirriskja li tipperpetwa d-distorsjonijiet kompetittivi bejn is-settur finanzjarju u l-ekonomija reali u timmina n-newtralità, il-ġustizzja u l-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 25
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji tbaxxi l-piż tat-taxxa effettiva fuq l-intermedjazzjoni finanzjarja meta mqabbel mal-biċċa l-kbira tas-setturi l-oħra tal-ekonomija; billi dan jikkontribwixxi għad-distribuzzjoni rigressiva tal-piż tat-taxxa billi jċaqlaq it-tassazzjoni indiretta għal fuq l-unitajiet domestiċi u s-setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema;

Or. en

Emenda 26
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi kemm ir-rapport Letta kif ukoll ir-rapport Draghi jissottolinjaw li l-frammentazzjoni ***tat-taxxa*** fis-suq uniku tostakola t-tkabbir ekonomiku, il-kummerċ u ***n-negozju transfruntier***; billi l-ostakli interni tal-UE effettivament jimponu tariffa ta' kważi 100 % fuq is-servizzi finanzjarji;	D. billi kemm ir-rapport Letta kif ukoll ir-rapport Draghi jissottolinjaw li l-frammentazzjoni fis-suq uniku***, inklużi r-regolaturi, l-ostakli amministrattivi u fiskali,*** tostakola t-tkabbir ekonomiku, il-kummerċ u ***l-attivitajiet transfruntiera***; billi l-ostakli interni tal-UE effettivament jimponu tariffa ta' kważi 100 % fuq is-servizzi finanzjarji;

Or. es

Emenda 27
Rasmus Andresen

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi dawk l-ostakli u l-ostakli regolatorji huma, skont Darghi, ferm aktar ta' ħsara għat-tkabbir ekonomiku minn kwalunkwe tariffa li l-Istati Uniti jistgħu jimponu;

Or. en

Emenda 28
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi ***t-tassazzjoni tas-servizzi finanzjarji fl-UE għadha frammentata ħafna, b'approċċi*** nazzjonali ***diverġenti għat-taxxi fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (TTF), l-imposti bankarji, it-taxxi fuq l-attivitajiet finanzjarji u taxxi oħra bbażati fuq il-profitt; billi din il-frammentazzjoni toħloq inċertezza u kumplessità tad-dritt, tixpruna d-distorsjonijiet tas-suq, tħeġġeġ l-evitar*** tat-taxxa ***u tnaqqas il-kompetittività tal-UE***;	E. billi ***d-differenzi fl-approċċi nazzjonali għat-tassazzjoni tas-settur finanzjarju jirriflettu għażliet ta' politika*** nazzjonali ***leġittimi u jistgħu jappoġġjaw kompetizzjoni sana fil-qasam*** tat-taxxa***, l-innovazzjoni u l-investiment fi ħdan is-Suq Uniku***;

Or. en

Emenda 29
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi t-tassazzjoni tas-servizzi	E. billi t-tassazzjoni tas-servizzi

finanzjarji fl-UE għadha frammentata ħafna, b'approċċi nazzjonali diverġenti għat-taxxi fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (TTF), l-imposti bankarji, it-taxxi fuq l-attivitajiet finanzjarji u taxxi oħra bbażati fuq il-profitt; billi din il-frammentazzjoni toħloq ***inċertezza u kumplessità tad-dritt***, tixpruna d-distorsjonijiet tas-suq***, tħeġġeġ*** l-evitar tat-taxxa ***u tnaqqas il-kompetittività*** tal-UE;	finanzjarji fl-UE għadha frammentata ħafna, b'approċċi nazzjonali diverġenti għat-taxxi fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (TTF), l-imposti bankarji, it-taxxi fuq l-attivitajiet finanzjarji u taxxi oħra bbażati fuq il-profitt; billi din il-frammentazzjoni toħloq ***il-kumplessità***, tixpruna d-distorsjonijiet tas-suq ***u tinkoraġġixxi*** l-evitar tat-taxxa***; billi, mill-banda l-oħra, sistemi u livelli tat-taxxa diverġenti jistgħu jipproduċu ambjent kompetittiv san fis-settur finanzjarju*** tal-UE;

Or. en

Emenda 30
Matthias Ecke, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi t-tassazzjoni tas-servizzi finanzjarji fl-UE għadha frammentata ħafna, b'approċċi nazzjonali diverġenti għat-taxxi fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (TTF), l-imposti bankarji, it-taxxi fuq l-attivitajiet finanzjarji u taxxi oħra bbażati fuq il-profitt; billi din il-frammentazzjoni toħloq inċertezza u kumplessità tad-dritt, tixpruna d-distorsjonijiet tas-suq, tħeġġeġ l-evitar tat-taxxa u tnaqqas il-kompetittività tal-UE;	E. billi t-tassazzjoni tas-servizzi finanzjarji fl-UE għadha frammentata ħafna, b'approċċi nazzjonali diverġenti għat-taxxi ***fuq il-primjums tal-assigurazzjoni (TPA), it-taxxi*** fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (TTF), l-imposti bankarji, it-taxxi fuq l-attivitajiet finanzjarji u taxxi oħra bbażati fuq il-profitt; billi din il-frammentazzjoni toħloq inċertezza u kumplessità tad-dritt, tixpruna d-distorsjonijiet tas-suq, tħeġġeġ l-evitar tat-taxxa u tnaqqas il-kompetittività tal-UE;

Or. en

Emenda 31
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi, wara l-kriżi tal-COVID-19 u x-xokkijiet ekonomiċi sussegwenti, xi Stati Membri introduċew taxxi temporanji fuq il-profitti mhux mistennija jew imposti ta' solidarjetà fuq il-profitti tal-banek sabiex jindirizzaw iż-żidiet straordinarji fil-profittabbiltà marbuta mar-rati tal-imgħax li kienu qed jiżdiedu u biex jiżguraw kontribut ġust tas-settur finanzjarju għall-finanzi pubbliċi;

Or. en

Emenda 32
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi dawn il-miżuri rriflettew it-tħassib li ċerti segmenti tas-settur bankarju bbenefikaw b'mod sproporzjonat mill-issikkar monetarju filwaqt li l-unitajiet domestiċi u n-negozji ffaċċjaw kostijiet tas-self li kienu qed jiżdiedu;

Or. en

Emenda 33
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ec. billi l-introduzzjoni ta' tali miżuri nazzjonali enfasizzat ukoll in-natura frammentata tal-approċċ tal-Unjoni għat-

tassazzjoni tas-settur finanzjarju u r-riskji potenzjali tad-divergenza regolatorja u fiskali fi ħdan is-suq intern;

Or. en

Emenda 34
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi t-TTF u l-imposti bankarji ġew diskussi wara l-kriżi finanzjarja fl-2008 u l-2009; billi dawn il-miżuri fittxew li jiżguraw li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi għall-baġits pubbliċi, u li jikkumpensaw għall-kostijiet tal-kriżi u jrażżnu l-effetti negattivi tal-attività finanzjarja spekulattiva jew ta' riskju għoli;	***imħassar***

Or. es

Emenda 35
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi t-TTF u l-imposti bankarji ġew diskussi wara l-kriżi finanzjarja fl-2008 u l-2009; billi dawn il-miżuri fittxew li jiżguraw li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi għall-baġits pubbliċi, u li jikkumpensaw għall-kostijiet tal-kriżi u jrażżnu l-effetti negattivi tal-attività finanzjarja spekulattiva jew ta' riskju għoli;	***imħassar***

Or. en

Emenda 36
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi t-TTF u l-imposti bankarji ġew diskussi wara l-kriżi finanzjarja fl-2008 u l-2009; billi dawn il-miżuri ***fittxew li jiżguraw li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi għall-baġits pubbliċi, u*** li jikkumpensaw għall-kostijiet tal-kriżi ***u jrażżnu l-effetti negattivi tal-attività finanzjarja spekulattiva jew ta' riskju għoli***;	F. billi t-TTF u l-imposti bankarji ġew diskussi wara l-kriżi finanzjarja fl-2008 u l-2009; billi dawn il-miżuri ***kellhom l-għan*** li jikkumpensaw għall-kostijiet tal-kriżi;

Or. en

Emenda 37
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi t-TTF u l-imposti bankarji ġew diskussi wara l-kriżi finanzjarja fl-2008 u l-2009; billi dawn il-miżuri fittxew li jiżguraw li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi għall-baġits pubbliċi, u li jikkumpensaw għall-kostijiet tal-kriżi ***u jrażżnu l-effetti negattivi tal-attività*** finanzjarja ***spekulattiva jew*** ta' riskju għoli;	F. billi t-TTF u l-imposti bankarji ġew diskussi wara l-kriżi finanzjarja fl-2008 u l-2009; billi dawn il-miżuri fittxew li jiżguraw li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi għall-baġits pubbliċi, u li jikkumpensaw għall-kostijiet tal-kriżi ***filwaqt li jiskoraġġixxu l-ispekulazzjoni eċċessiva u l-attività*** finanzjarja ta' riskju għoli; ***billi l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tal-2011 dwar it-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (TTF) b'mod espliċitu immirat li ġġiegħel lis-settur finanzjarju "jħallas is-sehem ġust tiegħu" tal-kostijiet tal-kriżi u tnaqqas id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-Suq Uniku; billi dawn il-miżuri jibqgħu strumenti essenzjali biex jiġi indirizzat ir-***

riskju sistemiku u biex jingħata kontribut għall-baġits pubbliċi;

Or. en

Emenda 38
Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi t-TTF u l-imposti bankarji ġew diskussi wara l-kriżi finanzjarja fl-2008 u l-2009; billi dawn il-miżuri fittxew li jiżguraw li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi għall-baġits pubbliċi, u li jikkumpensaw għall-kostijiet tal-kriżi u jrażżnu l-effetti negattivi tal-attività finanzjarja spekulattiva jew ta' riskju għoli;	F. billi t-TTF u l-imposti bankarji ġew diskussi wara l-kriżi finanzjarja fl-2008 u l-2009; billi dawn il-miżuri fittxew li jiżguraw li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi għall-baġits pubbliċi, u li jikkumpensaw għall-kostijiet tal-kriżi u jrażżnu l-effetti negattivi tal-attività finanzjarja spekulattiva jew ta' riskju għoli; ***billi, meta jkunu qed jiġu mfassla t-taxxi nazzjonali applikabbli għas-settur finanzjarju, jenħtieġ li tingħata konsiderazzjoni xierqa lit-trasparenza rigward l-objettivi u t-tifsila tagħhom, kif ukoll lill-valutazzjonijiet regolari tal-impatt ekonomiku tagħhom u lir-rilevanza kontinwata ta' tali miżuri, sabiex jiġu evitati d-distorsjonijiet dejjiema jew mhux intenzjonati tas-swieq finanzjarji;***

Or. en

Emenda 39
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi t-taxxi fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, meta jiġu applikati unilateralment u bi tfassil nazzjonali

	diverġenti, ikomplu jifframmentaw is-suq uniku, iżidu l-kostijiet tal-konformità għall-investituri u għall-operaturi transfruntiera, inaqqsu l-likwidità tas-suq u jiskoraġġixxu l-investiment; billi tali taxxi jistgħu jfixklu l-allokazzjoni effiċjenti tal-kapital, jostakolaw l-iżvilupp tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u jdgħajfu l-kompetittività tal-UE meta mqabbla ma' ġuriżdizzjonijiet globali oħrajn;

Or. es

Emenda 40
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi ***mill-anqas*** seba' Stati Membri bħalissa jimponu TTF; billi dawn l-Istati Membri ma kkoordinawx it-TTF tagħhom fl-ambitu, ir-rata jew l-applikazzjoni; billi ma ntlaħaq l-ebda ftehim dwar TTF għall-UE kollha, minkejja diversi proposti leġiżlattivi mill-Kummissjoni mill-2011;	G. billi seba' Stati Membri bħalissa jimponu TTF; billi dawn l-Istati Membri ma kkoordinawx it-TTF tagħhom fl-ambitu, ir-rata jew l-applikazzjoni; billi ma ntlaħaq l-ebda ftehim dwar TTF għall-UE kollha, minkejja diversi proposti leġiżlattivi mill-Kummissjoni mill-2011; ***billi l-letteratura empirika li tistudja l-effetti tat-TTF introdotti f'dawk l-Istati Membri tikkonkludi li wieħed ma għandux jistenna li dan it-tip ta' tassazzjoni jista' jgħin fl-istabbilizzazzjoni tas-swieq finanzjarji, huwa mistenni li jnaqqas il-volumi tal-kummerċ bejn 10 % u 30 %[1a] u jnaqqsu l-likwidità tas-suq[2a], u hekk iwessgħu il-firxiet;***
	[1a] Funke et al. (2020)
	[2a] Matheson, 2012

Or. en

Emenda 41

Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-Parlament appoġġja b'mod konsistenti l-introduzzjoni ta' TTF fl-UE kollha, inkluż bħala riżorsa proprja possibbli, l-aktar reċenti fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Mejju 2023; billi fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, il-Kummissjoni pproponiet li tirtira l-proposta preċedenti tagħha dwar it-TTF;	***imħassar***

Or. es

Emenda 42
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi ***l-Parlament appoġġja b'mod konsistenti l-introduzzjoni ta' TTF fl-UE*** kollha***, inkluż bħala riżorsa proprja possibbli, l-aktar reċenti fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Mejju 2023***; billi ***fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, il-Kummissjoni pproponiet li tirtira l-proposta preċedenti tagħha dwar it-TTF***;	H. billi ***ma ntlaħaq l-ebda ftehim dwar TTF tal-UE*** kollha; billi ***l-evidenza empirika[1a] u l-esperjenza tal-passat iqajmu tħassib serju li tali taxxi jnaqqsu l-likwidità tas-suq, jinkoraġġixxu r-rilokazzjoni tal-attività kummerċjali u jdgħajfu l-kompetittività tas-swieq kapitali tal-UE***;
	[1a] https://www.imf.org/external/pubs/ft/wp/2011/wp1154.pdf

Or. en

Emenda 43
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-Parlament appoġġja b'mod konsistenti l-introduzzjoni ta' TTF fl-UE kollha***, inkluż*** bħala riżorsa proprja possibbli, l-aktar reċenti fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' ***Mejju*** 2023; billi ***fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026,*** il-Kummissjoni ***pproponiet*** li tirtira l-proposta ***preċedenti*** tagħha ***dwar it-TTF***;	H. billi l-Parlament appoġġja b'mod konsistenti l-introduzzjoni ta' TTF fl-UE kollha ***u*** bħala Riżorsa Proprja possibbli, ***b'mod*** l-aktar reċenti fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' ***April*** 2023; billi ***sfortunatament*** il-Kummissjoni ***ddeċidiet*** li tirtira l-proposta ***dwar it-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (TTF) fil-Programm ta' Ħidma*** tagħha ***tal-2026***;

Or. en

Emenda 44
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-Parlament ***appoġġja b'mod konsistenti*** l-introduzzjoni ta' TTF fl-UE kollha, inkluż bħala riżorsa proprja possibbli, l-aktar reċenti fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Mejju 2023; billi fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, il-Kummissjoni pproponiet li tirtira l-proposta preċedenti tagħha dwar it-TTF;	H. billi l-Parlament ***preċedentement talab*** l-introduzzjoni ta' TTF fl-UE kollha, inkluż bħala riżorsa proprja possibbli, l-aktar reċenti fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Mejju 2023; billi fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, il-Kummissjoni pproponiet***, bir-raġun,*** li tirtira l-proposta preċedenti tagħha dwar it-TTF ***minħabba snin ta' staġnar u prospetti limitati ta' ftehim***;

Or. en

Emenda 45
Gilles Boyer, Katri Kulmuni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

H. billi l-Parlament ***appoġġja*** b'mod konsistenti l-introduzzjoni ta' TTF fl-UE kollha, inkluż bħala riżorsa proprja possibbli, l-aktar reċenti fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Mejju 2023; billi fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, il-Kummissjoni pproponiet li tirtira l-proposta preċedenti tagħha dwar it-TTF;	H. billi l-Parlament ***iddiskuta*** b'mod konsistenti l-introduzzjoni ta' TTF fl-UE kollha, inkluż bħala riżorsa proprja possibbli, l-aktar reċenti fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Mejju 2023; billi fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, il-Kummissjoni pproponiet li tirtira l-proposta preċedenti tagħha dwar it-TTF ***b'riżultat tan-nuqqas ta' kunsens fost l-Istati Membri mingħajr ma ntlaħaq l-ebda ftehim***;
	Or. en

Emenda 46
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi t-tlestija għalkollox tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti tirrikjedi approċċ komprensiv għall-istabbiltà finanzjarja, għall-integrazzjoni tas-suq u għall-protezzjoni tal-investituri; billi huwa kruċjali għas-suċċess u l-kredibbiltà tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti li jiġi żgurat li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi b'mod ġust għall-finanzi pubbliċi, jinternalizza r-riskji li huwa jiġġenera u jappoġġja l-investiment sostenibbli fit-tul; billi t-tassazzjoni tas-servizzi finanzjarji jenħtieġ għalhekk li tibqa' l-fokus ewlieni tal-politika tal-Unjoni fis-snin li ġejjin, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Istati Membri kollha, biex jitnaqqsu d-distorsjonijiet fis-swieq tal-investimenti u biex jiġu mobilizzati r-riżorżi għall-objettivi ekonomiċi, soċjali u ekoloġiċi tal-Unjoni; billi l-inċentivi fiskali jenħtieġ li ma jintużawx biex isir kumpens għar-reditti aktar baxxi miksuba minn dawk fl-UE li jfaddlu meta mqabbla mal-pari tagħhom internazzjonali

minħabba t-tariffi ogħla imposti fuq l-investituri bl-imnut tal-UE;

Or. en

Emenda 47
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-Parlament Ewropew, f'Jannar 2024, bi 324 vot favur, 132 vot kontra u 155 astensjoni, wara konsultazzjoni tal-Parlament, adotta riżoluzzjoni leġiżlattiva dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' regoli dwar remissjoni li tnaqqas il-predispożizzjoni favur id-dejn, u dwar il-limitazzjoni tad-deduċibbiltà tal-imgħax għal finijiet ta' taxxa korporattiva; billi l-Parlament approva l-proposta tal-Kummissjoni b'emendi biex jiġu megħjuna l-SMEs, filwaqt li kkonkluda li r-remissjoni fuq l-ekwità jenħtieġ li tkun deduċibbli[1a];
	[1a] Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2024 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' regoli dwar remissjoni li tnaqqas il-predispożizzjoni favur id-dejn, u dwar il-limitazzjoni tad-deduċibbiltà tal-imgħax għal finijiet ta' taxxa korporattiva (COM(2022)0216 – C9-0197/2022 – 2022/0154(CNS))

Or. en

Emenda 48
Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi inizjattivi reċenti bħad-Direttiva dwar Ħelsien Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f'Ras il-Għajn Eċċessivi (FASTER) għamlu progress importanti fit-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u fl-iffaċilitar tal-attività ekonomika transfruntiera fl-Unjoni, u jenħtieġ li jkomplu jsiru sforzi simili sabiex ikomplu jissaħħu aktar l-integrazzjoni u l-effiċjenza tas-suq intern;

Or. en

Emenda 49
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-Kunsill ilu jittratieni deċiżjoni rigward il-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi sistema ta' Taxxa tal-Uffiċċju Reġistrat għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u li temenda d-Direttiva 2011/16/UE, filwaqt li l-Parlament Ewropew diġà approva riżoluzzjoni leġiżlattiva fl-10 ta' April 2024;

Or. en

Emenda 50
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-esperjenza tat-taxxi fuq it-

tranżazzjonijiet finanzjarji f'pajjiżi terzi wriet li tali taxxi jistgħu jonqsu milli jġibu d-dħul stabbli mistenni filwaqt li jinkoraġġixxu r-rilokazzjoni u s-sostituzzjoni fi strumenti mhux intaxxati;

Or. en

Emenda 51
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-politiki fiskali u l-livelli ta' tassazzjoni għandhom jibqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri;

Or. fr

Emenda 52
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi s-self bankarju għadu jirrappreżenta s-sors primarju ta' finanzjament għall-ekonomija tal-UE; billi l-finanzjament mis-swieq kapitali u mill-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji żdied b'mod kostanti mill-Kriżi Finanzjarja l-Kbira 'l hawn, għalkemm għadu jirrappreżenta sehem ġenerali aktar baxx tal-kreditu totali lis-settur privat meta mqabbel mas-self bankarju tradizzjonali;

Or. en

Emenda 53
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti tirrikjedi inċentivi aktar b'saħħithom biex iċ-ċittadini jfaddlu u jinvestu fis-swieq kapitali Ewropej, inkluż permezz ta' arranġamenti tat-taxxa nazzjonali simplifikati u vantaġġjuż għall-kontijiet ta' investiment fit-tul;

Or. en

Emenda 54
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi l-politika tat-tassazzjoni hija primarjament kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri, iżda li jkun hemm aktar kooperazzjoni u integrazzjoni fil-livell Ewropew huwa kundizzjoni fundamentali ta' strateġija strutturata biex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea;

Or. en

Emenda 55
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hc. billi kemm ir-Redditu fuq l-Assi (ROA) kif ukoll ir-Redditu fuq l-Ekwità

(ROE) tal-banek Ewropej kienu b'mod konsistenti aktar baxxi milli kienu f'ġuriżdizzjonijiet komparabbli oħra, bħal fl-Istati Uniti; billi dawn l-indikaturi kkonverġew matul il-perjodu reċenti ta' inflazzjoni għolja u ta' ssikar tal-politika monetarja, li wassal għal profittabbiltà ogħla temporanja għall-banek domestiċi[1a];

1a

https://www.eba.europa.eu/publications-and-media/publications/profitability-0

Or. en

Emenda 56
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-indirizzar tal-frammentazzjoni tat-taxxa tas-settur finanzjarju ***u ż-żieda tal-kompetittività tiegħu***	L-indirizzar tal-frammentazzjoni tat-taxxa tas-settur finanzjarju

Or. en

Emenda 57
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota li l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji rriżultat f'diskrepanza sostanzjali fil-politika tal-VAT u xenarju frammentat ħafna ta' 91 taxxa speċifika għas-settur madwar l-Istati Membri biex jittaffa dan it-telf ta'	***imħassar***

dħul; jinnota li dan ix-xenarju tat-taxxa frammentat jagħmel il-konformità aktar diffiċli u jżid l-ostakli strutturali għall-espansjoni transfruntiera tal-forniturі tas-servizzi finanzjarji, idgħajjef is-settur finanzjarju tal-UE u l-kapaċità ta' investiment tiegħu u jimmina l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tal-Unjoni Bankarja;

Or. en

Emenda 58
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota li l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji ***rriżultat f'diskrepanza sostanzjali fil-politika tal-VAT u xenarju frammentat ħafna ta' 91 taxxa speċifika għas-settur madwar l-Istati Membri biex jittaffa dan it-telf ta' dħul***; jinnota li dan ix-xenarju tat-taxxa ***frammentat*** jagħmel il-konformità aktar diffiċli ***u jżid l-ostakli strutturali għall-espansjoni transfruntiera tal-forniturі tas-servizzi finanzjarji***, idgħajjef is-settur finanzjarju tal-UE u l-kapaċità ta' investiment tiegħu u jimmina l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tal-Unjoni Bankarja;	1. Jinnota li l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji ***tiddevja mis-sistema ġenerali tal-VAT fl-UE u tinvolvi piż amministrattiv ogħla għall-forniturі tas-servizzi finanzjarji***; jinnota li dan ix-xenarju tat-taxxa ***divers*** jagħmel il-konformità aktar diffiċli, idgħajjef is-settur finanzjarju tal-UE u l-kapaċità ta' investiment tiegħu u jimmina l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tal-Unjoni Bankarja;

Or. en

Emenda 59
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

1. Jinnota li ***l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji rriżultat f'diskrepanza sostanzjali fil-politika tal-VAT u xenarju frammentat ħafna ta' 91 taxxa speċifika għas-settur madwar l-Istati Membri biex jittaffa dan it-telf ta' dħul; jinnota li dan ix-xenarju*** tat-taxxa frammentat jagħmel il-konformità aktar diffiċli u jżid l-ostakli strutturali għall-espansjoni transfruntiera tal-forniturи tas-servizzi finanzjarji, idgħajjef is-settur finanzjarju tal-UE u l-kapaċità ta' investiment tiegħu u jimmina l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tal-Unjoni Bankarja;	1. jinnota li ***x-xenarju*** tat-taxxa frammentat jagħmel il-konformità aktar diffiċli u jżid l-ostakli strutturali għall-espansjoni transfruntiera tal-forniturи tas-servizzi finanzjarji, idgħajjef is-settur finanzjarju tal-UE u l-kapaċità ta' investiment tiegħu u jimmina l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tal-Unjoni Bankarja;

Or. fr

Emenda 60
Siegbert Frank Droese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota li l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji rriżultat ***f'diskrepanza sostanzjali fil-politika tal-VAT u xenarju*** frammentat ħafna ta' 91 taxxa speċifika għas-settur madwar l-Istati Membri biex jittaffa dan it-telf ta' dħul; jinnota li dan ix-xenarju tat-taxxa frammentat jagħmel il-konformità aktar diffiċli u jżid l-ostakli strutturali għall-espansjoni transfruntiera tal-forniturи tas-servizzi finanzjarji***, idgħajjef is-settur finanzjarju tal-UE u l-kapaċità ta' investiment tiegħu u jimmina l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tal-Unjoni Bankarja***;	1. Jinnota li l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji rriżultat ***f'xenarju*** frammentat ħafna ta' 91 taxxa speċifika għas-settur madwar l-Istati Membri biex jittaffa dan it-telf ta' dħul; jinnota li dan ix-xenarju tat-taxxa frammentat jagħmel il-konformità aktar diffiċli u ***jista'*** jżid l-ostakli strutturali għall-espansjoni transfruntiera tal-forniturи tas-servizzi finanzjarji;

Or. de

Emenda 61
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota li l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji ***rriżultat f'diskrepanza sostanzjali fil-politika tal-VAT u xenarju frammentat ħafna ta' 91 taxxa speċifika għas-settur madwar l-Istati Membri biex jittaffa dan it-telf ta' dħul***; jinnota li ***dan ix-xenarju*** tat-taxxa frammentat jagħmel il-konformità aktar diffiċli u jżid l-ostakli strutturali għall-espansjoni transfruntiera tal-forniturи tas-servizzi finanzjarji, idgħajjef is-settur finanzjarju tal-UE u l-kapaċità ta' investiment tiegħu u jimmina l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tal-Unjoni Bankarja;	1. Jinnota li l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji ***tibqa' karatteristika importanti tas-sistema tal-VAT tal-UE li tevita l-kumplessità amministrattiva sproporzjonata, tnaqqas il-kostijiet fil-livell tal-konsumatur, u tgħin biex tinżamm il-kompetittività tas-swieq finanzjarji tal-UE***; jinnota li ***l-introduzzjoni tal-VAT fuq is-servizzi finanzjarji żżid il-kumplessità fi ħdan is-Suq Uniku; jinnota li x-xenarju*** tat-taxxa frammentat ***eżistenti diġà*** jagħmel il-konformità aktar diffiċli u jżid l-ostakli strutturali għall-espansjoni transfruntiera tal-forniturи tas-servizzi finanzjarji, idgħajjef is-settur finanzjarju tal-UE u l-kapaċità ta' investiment tiegħu u jimmina l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tal-Unjoni Bankarja;

Or. en

Emenda 62
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota ***li l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji rriżultat f'diskrepanza sostanzjali fil-politika tal-VAT u xenarju*** frammentat ***ħafna*** ta' 91 taxxa speċifika għas-settur madwar l-Istati Membri ***biex jittaffa dan it-telf ta' dħul***; jinnota li ***dan ix-xenarju*** tat-taxxa frammentat jagħmel il-konformità aktar diffiċli u jżid l-ostakli strutturali għall-espansjoni transfruntiera tal-forniturи tas-servizzi finanzjarji, idgħajjef is-settur finanzjarju tal-UE u l-kapaċità ta'	1. Jinnota ***x-xenarju*** frammentat ta' 91 taxxa speċifika għas-settur madwar l-Istati Membri; jinnota li ***xenarju*** tat-taxxa frammentat jagħmel il-konformità aktar diffiċli u jżid l-ostakli strutturali għall-espansjoni transfruntiera tal-forniturи tas-servizzi finanzjarji, idgħajjef is-settur finanzjarju tal-UE u l-kapaċità ta' investiment tiegħu u jimmina l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tal-Unjoni Bankarja;

investiment tiegħu u jimmina l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tal-Unjoni Bankarja;

Or. en

Emenda 63
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota li l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji rriżultat f'diskrepanza sostanzjali fil-politika tal-VAT u xenarju frammentat ħafna ta' 91 taxxa speċifika għas-settur madwar l-Istati Membri biex jittaffa dan it-telf ta' dħul; jinnota li dan ix-xenarju tat-taxxa frammentat jagħmel il-konformità aktar diffiċli u jżid l-ostakli strutturali għall-espansjoni transfruntiera tal-fornituri tas-servizzi finanzjarji, idgħajjef is-settur finanzjarju tal-UE u l-kapaċità ta' investiment tiegħu u jimmina l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tal-Unjoni Bankarja;	1. Jinnota li l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji rriżultat f'diskrepanza sostanzjali fil-politika tal-VAT u xenarju frammentat ħafna ta' 91 taxxa speċifika għas-settur madwar l-Istati Membri biex jittaffa dan it-telf ta' dħul; jinnota li dan ix-xenarju tat-taxxa frammentat jagħmel il-konformità aktar diffiċli u jżid l-ostakli strutturali għall-espansjoni transfruntiera tal-fornituri tas-servizzi finanzjarji, idgħajjef is-settur finanzjarju tal-UE u l-kapaċità ta' investiment tiegħu u jimmina l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tal-Unjoni Bankarja; ***jisħaq li kwalunkwe riforma tar-regoli tal-VAT irid ikollha l-mira li tnaqqas il-frammentazzjoni u tiżgura tassazzjoni ġusta tas-settur finanzjarju, filwaqt li tissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik soċjali;***

Or. en

Emenda 64
Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota li l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji rriżultat f'diskrepanza sostanzjali fil-politika tal-VAT u xenarju frammentat ħafna ta' 91 taxxa speċifika għas-settur madwar l-Istati Membri biex jittaffa dan it-telf ta' dħul; jinnota li dan ix-xenarju tat-taxxa frammentat jagħmel il-konformità aktar diffiċli u jżid l-ostakli strutturali għall-espansjoni transfruntiera tal-fornituri tas-servizzi finanzjarji, idgħajjef is-settur finanzjarju tal-UE u l-kapaċità ta' investiment tiegħu u jimmina l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tal-Unjoni Bankarja;	1. Jinnota li l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji rriżultat f'diskrepanza sostanzjali fil-politika tal-VAT u xenarju frammentat ħafna ta' 91 taxxa speċifika għas-settur madwar l-Istati Membri biex jittaffa dan it-telf ta' dħul; jinnota li dan ix-xenarju tat-taxxa frammentat jagħmel il-konformità aktar diffiċli***, jiġġenera kostijiet operazzjonali u amministrattivi addizzjonali għall-istituzzjonijiet finanzjarji,*** u jżid l-ostakli strutturali għall-espansjoni transfruntiera tal-fornituri tas-servizzi finanzjarji, ***u hekk*** idgħajjef is-settur finanzjarju tal-UE u l-kapaċità ta' investiment tiegħu u jimmina l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tal-Unjoni Bankarja;
	Or. en

Emenda 65
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jissottolinja li sistema tat-taxxa disinjata tajjeb għandha tkun prevedibbli, stabbli u trasparenti, u hekk tippermetti lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji jippjanaw u jinvestu b'fiduċja; jisħaq li r-rati tat-taxxa għandhom jibqgħu moderati u bbażati u bażi tat-taxxa wiesgħa, filwaqt li jevitaw il-pożijiet eċċessivi minn fuq ix-xogħol, it-tfaddil u l-intraprenditorija; jenfasizza li l-politika tat-tassazzjoni għandha tnaqqas kemm jista' jkun id-distorsjonijiet fl-attività ekonomika, filwaqt li tiżgura li d-deċiżjonijiet ekonomiċi jkunu xprunati mill-kunsiderazzjonijiet tas-swieq u mhux mill-inċentivi fiskali; jissottolinja wkoll l-importanza tas-sempliċità u tal-effiċjenza amministrattiva, sabiex il-kostijiet tal-

konformità għall-kontribwenti u l-pożizzjonijiet amministrattivi għall-awtoritajiet jibqgħu proporzjonati; jinnota li politika tat-tassazzjoni soda għandha fl-aħħar mill-aħħar issaħħaħ il-kompetittività, tinkoraġġixxi l-investiment produttiv u tappoġġja t-tkabbir fit-tul sostenibbli fi ħdan l-ekonomija soċjali tas-suq; jissottolinja li dawn il-kunsiderazzjonijiet japplikaw ukoll fir-rigward tas-settur finanzjarju;

Or. en

Emenda 66
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jistieden lill-Kunsill jipproċedi bl-approvazzjoni ta' qafas armonizzat għal remissjoni li tnaqqas il-predispożizzjoni favur id-dejn, li jistabbilixxi remissjoni tat-taxxa għaż-żieda fl-ekwità biex tiġi inċentivata l-kapitalizzazzjoni permezz ta' kapital tal-Grad 1 ta' ekwità komuni ta' kwalità għolja;

Or. en

Emenda 67
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jisħaq li t-tassazzjoni tas-servizzi finanzjarji ma tridx iddgħajjef il-kompetittività tas-settur finanzjarju tal-UE jew tirrestrinġi l-kapaċità tal-Istati Membri li jfasslu sistemi tat-taxxa adattati

għall-istrutturi ekonomiċi nazzjonali tagħhom;

Or. en

Emenda 68
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jenfasizza li l-frammentazzjoni tar-regoli*** tat-taxxa ***madwar l-Istati*** Membri u ***l-mobbiltà għolja tal-bażi*** tat-taxxa ***tas-settur finanzjarju joħolqu opportunitajiet għal arbitraġġ regolatorju u trasferiment tal-kapital u*** tal-profitt;	2. ***Jinnota li d-differenzi fir-reġimi*** tat-taxxa ***nazzjonali jirriflettu għażliet ta' politika leġittimi tal-Istati*** Membri u ***jistgħu jrawmu kompetizzjoni fil-qasam*** tat-taxxa ***sana fi ħdan is-Suq Uniku; jinnota l-ħidma li għaddejja fil-livell internazzjonali fir-rigward tat-tat-trasferiment*** tal-profitt;

Or. en

Emenda 69
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jenfasizza li l-frammentazzjoni tar-regoli tat-taxxa madwar l-Istati Membri u l-mobbiltà għolja tal-bażi tat-taxxa tas-settur finanzjarju joħolqu opportunitajiet għal arbitraġġ regolatorju u trasferiment tal-kapital u tal-profitt;	2. Jenfasizza li l-frammentazzjoni tar-regoli tat-taxxa madwar l-Istati Membri u l-mobbiltà għolja tal-bażi tat-taxxa tas-settur finanzjarju joħolqu opportunitajiet għal arbitraġġ regolatorju u trasferiment tal-kapital u tal-profitt; ***jissottolinja li din il-kwistjoni qed issir aktar inkwetanti b'mod rapidu bil-qawmien f'daqqa tan-neobanek bħall-banek esklużivament diġitali, il-banek challenger u l-banek fintech; jirrimarka ż-żieda sinifikanti fis-sehem ta' depożiti transfruntiera miżmuma minn dawn il-banek f'dawn l-aħħar sitt snin;***

Or. en

Emenda 70
Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jenfasizza li l-frammentazzjoni tar-regoli tat-taxxa madwar l-Istati Membri u l-mobbiltà għolja tal-bażi tat-taxxa tas-settur finanzjarju joħolqu opportunitajiet għal arbitraġġ regolatorju u trasferiment tal-kapital u tal-profitt;	2. Jenfasizza li l-frammentazzjoni tar-regoli tat-taxxa madwar l-Istati Membri u l-mobbiltà għolja tal-bażi tat-taxxa tas-settur finanzjarju joħolqu opportunitajiet għal arbitraġġ regolatorju u trasferiment tal-kapital u tal-profitt; ***jenfasizza li tali frammentazzjoni tista' xxekkel ukoll il-konsolidazzjoni transfruntiera tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tnaqqas l-effiċjenza u r-reżiljenza tas-suq bankarju u tas-suq kapitali tal-Unjoni;***

Or. en

Emenda 71
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jenfasizza li l-frammentazzjoni tar-regoli tat-taxxa madwar l-Istati Membri u l-mobbiltà għolja tal-bażi tat-taxxa tas-settur finanzjarju joħolqu opportunitajiet ***għal*** arbitraġġ regolatorju u trasferiment tal-kapital u tal-profitt;	2. Jenfasizza li l-frammentazzjoni tar-regoli tat-taxxa madwar l-Istati Membri u l-mobbiltà għolja tal-bażi tat-taxxa tas-settur finanzjarju joħolqu opportunitajiet ***sinifikanti għal ippjanar aggressiv tat-taxxa,*** arbitraġġ regolatorju u trasferiment tal-kapital u tal-profitt;

Or. en

Emenda 72

Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jappella għal koordinazzjoni msaħħa fil-livell tal-UE, inkluża tassazzjoni minima effettiva, regoli robusti kontra l-evitar tat-taxxa u rekwiżiti ta' trasparenza msaħħa, b'mod partikolari r-rapportar pubbliku għal kull pajjiż, biex jiġi żgurat li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi s-sehem ġust tiegħu tat-tassazzjoni fejn isseħħ l-attività ekonomika;

Or. en

Emenda 73
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jirrikonoxxi li l-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa bejn l-Istati Membri tista' tippromwovi l-effiċjenza, l-innovazzjoni u l-investiment madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 74
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jirrikonoxxi li s-sistemi tat-taxxa kompetittivi u li jiffavorixxu l-investiment

huma parti importanti minn Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti li tiffunzjona tajjeb, u li l-Istati Membri għandhom jibqgħu liberi li jtejbu t-trattament tat-taxxa tal-prodotti tat-tfaddil u tal-investiment bl-imnut fit-tul f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom;

Or. en

Emenda 75
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jinnota li l-frammentazzjoni tar-reġimi tat-taxxa nazzjonali żżid ir-riskju ta' tassazzjoni doppja transfruntiera u***,*** ***xprunata minn kumplessità amministrattiva u legali,*** tista' xxekkel it-tkabbir tas-settur finanzjarju tal-UE;	3. Jinnota li l-frammentazzjoni tar-reġimi tat-taxxa nazzjonali żżid ir-riskju ta' tassazzjoni doppja transfruntiera u tista' xxekkel it-tkabbir tas-settur finanzjarju tal-UE ***u żżomm lura l-kompetittività***; ***jisħaq madankollu li l-isforzi ta' simplifikazzjoni jeħtieġ li ma jirriżultawx fid-deregolamentazzjoni jew f'tellieqa għall-qiegħ fl-istandards tat-taxxa, iżda għandhom jippromwovu ċ-ċertezza tad-dritt, il-ġustizzja u r-responsabbiltà ambjentali u soċjali;***

Or. en

Emenda 76
Siegbert Frank Droese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jinnota li l-frammentazzjoni tar-reġimi tat-taxxa nazzjonali żżid ir-riskju ta' tassazzjoni doppja transfruntiera u, xprunata minn kumplessità amministrattiva	3. Jinnota li l-frammentazzjoni tar-reġimi tat-taxxa nazzjonali żżid ir-riskju ta' tassazzjoni doppja transfruntiera u, xprunata minn kumplessità amministrattiva

u legali, tista' xxekkel it-tkabbir tas-settur finanzjarju tal-UE;	u legali, tista' xxekkel it-tkabbir tas-settur finanzjarju tal-UE;

Or. de

Emenda 77
Gilles Boyer, Katri Kulmuni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jinnota li l-frammentazzjoni tar-reġimi tat-taxxa nazzjonali żżid ir-riskju ta' tassazzjoni doppja transfruntiera u, xprunata minn kumplessità amministrattiva u legali, tista' xxekkel it-tkabbir tas-settur finanzjarju tal-UE;	3. Jinnota li l-frammentazzjoni tar-reġimi tat-taxxa nazzjonali żżid ir-riskju ta' tassazzjoni doppja transfruntiera u, xprunata minn kumplessità amministrattiva u legali, tista' xxekkel it-tkabbir tas-settur finanzjarju tal-UE; ***jenfasizza li d-differenzi fil-proċeduri tat-tassazzjoni nazzjonali, inklużi l-proċeduri tat-taxxa minn ras il-għajn, joħolqu pożijiet amministrattivi u ostakli għall-investiment transfruntier, kif ġie rikonoxxut fl-Istrateġija għall-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti tal-Kummissjoni;***

Or. en

Emenda 78
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jinnota li l-frammentazzjoni tar-reġimi tat-taxxa nazzjonali żżid ir-riskju ta' tassazzjoni doppja transfruntiera u, xprunata minn kumplessità amministrattiva u legali, tista' xxekkel it-tkabbir tas-settur finanzjarju tal-UE;	3. Jinnota li l-frammentazzjoni tar-reġimi tat-taxxa nazzjonali żżid ir-riskju ta' tassazzjoni doppja transfruntiera u, xprunata minn kumplessità amministrattiva u legali, tista' xxekkel it-tkabbir tas-settur finanzjarju tal-UE; ***jenfasizza li l-evitar tat-tassazzjoni doppja u t-tnaqqis tal-pożijiet amministrattivi għandhom jibqgħu l-prijorità aktar milli jiddaħħlu saffi***

addizzjonali ta' tassazzjoni;

Or. en

Emenda 79
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jinnota li l-frammentazzjoni tar-reġimi tat-taxxa nazzjonali żżid ir-riskju ta' tassazzjoni doppja transfruntiera u, xprunata minn kumplessità amministrattiva u legali, tista' xxekkel it-tkabbir tas-settur finanzjarju tal-UE;	3. Jinnota li l-frammentazzjoni tar-reġimi tat-taxxa nazzjonali żżid ir-riskju ta' tassazzjoni doppja transfruntiera u, xprunata minn kumplessità amministrattiva u legali, tista' xxekkel it-tkabbir tas-settur finanzjarju tal-UE ***u toħloq ostaklu għall-integrazzjoni aktar profonda tas-swieq finanzjarji tal-UE***;

Or. en

Emenda 80
Matthias Ecke, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Josserva, barra minn hekk, li l-oqfsa tat-taxxa eżistenti ma żammewx il-pass għalkollox mal-emerġenza tal-prodotti finanzjarji ġodda u tal-infrastrutturi ġodda tas-swieq; jissottolinja li l-iżgurar ta' trattament tat-taxxa konsistenti tal-attivitajiet finanzjarji li jkunu ekonomikament ekwivalenti huwa essenzjali għall-prevenzjoni tal-frammentazzjoni u tal-arbitraġġ fiskali fi ħdan is-settur finanzjarju; jissottolinja li d-differenzi fit-trattament tat-taxxa tal-attivitajiet finanzjarji li huma ekwivalenti mil-lat ekonomiku jistgħu jinċentivaw ir-rilokazzjoni tal-intermedjazzjoni

	finanzjarja lejn entitajiet mhux bankarji; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' koerenza akbar bejn ir-regoli tat-taxxa u l-qafas prudenzjali biex jiġu evitati d-distorsjonijiet fl-istruttura tas-settur finanzjarju tal-UE;

Or. en

Emenda 81
Matthias Ecke, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jenfasizza li d-data insuffiċjenti dwar il-piż tat-taxxa effettiv madwar is-settur finanzjarju tal-UE jostakola t-tfassil tal-politika bbażata fuq l-evidenza u l-valutazzjoni tal-impatti tal-politika fuq l-imġiba tas-swieq, il-kompetizzjoni u l-istabbiltà finanzjarja; jissottolinja l-ħtieġa ta' trasparenza u ġbir tad-data mtejba, inklużi l-identifikazzjoni, l-ipprezzar u r-rapportar aktar ċari tat-tariffi, il-marġnijiet u l-valur ekonomiku ġġenerati mis-servizzi finanzjarji, bħala prerekwiżit għar-riforma koerenti tat-tassazzjoni tas-settur finanzjarju;

Or. en

Emenda 82
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jisħaq li t-tneħħija tal-ostakli tat-taxxa għall-investiment transfruntier permezz ta' regoli koerenti fil-livell tal-UE tnaqqas il-kostijiet tal-konformità, ittejjeb	4. Jisħaq li t-tneħħija tal-ostakli tat-taxxa għall-investiment transfruntier permezz ta' regoli koerenti fil-livell tal-UE tnaqqas il-kostijiet tal-konformità, ittejjeb

l-effiċjenza tas-suq, ittejjeb iċ-ċarezza legali għall-flussi kapitali transfruntiera u ssaħħaħ il-kompetittività tas-servizzi finanzjarji tal-UE***, filwaqt li fl-istess ħin trażżan l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva***;	l-effiċjenza tas-suq, ittejjeb iċ-ċarezza legali għall-flussi kapitali transfruntiera u ssaħħaħ il-kompetittività tas-servizzi finanzjarji tal-UE;

Or. es

Emenda 83
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jisħaq li t-tneħħija tal-ostakli tat-taxxa għall-investiment transfruntier permezz ta' regoli koerenti fil-livell tal-UE tnaqqas il-kostijiet tal-konformità, ittejjeb l-effiċjenza tas-suq, ittejjeb iċ-ċarezza legali għall-flussi kapitali transfruntiera u ssaħħaħ il-kompetittività tas-servizzi finanzjarji tal-UE, filwaqt li fl-istess ħin trażżan l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva;	4. Jisħaq li t-tneħħija tal-ostakli tat-taxxa għall-investiment transfruntier permezz ta' regoli koerenti fil-livell tal-UE tnaqqas il-kostijiet tal-konformità, ittejjeb l-effiċjenza tas-suq, ittejjeb iċ-ċarezza legali għall-flussi kapitali transfruntiera u ssaħħaħ il-kompetittività tas-servizzi finanzjarji tal-UE, filwaqt li fl-istess ħin trażżan l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva; ***jenfasizza li ċ-ċertezza tad-dritt u tat-taxxa huma muturi fundamentali għad-deċiżjonijiet dwar l-investimenti u għandhom ikunu l-objettiv primarju fi kwalunkwe riforma tal-qafas tat-taxxa tas-settur finanzjarju;***

Or. en

Emenda 84
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jisħaq li t-tneħħija tal-ostakli tat-taxxa għall-investiment transfruntier	4. Jisħaq li t-tneħħija tal-ostakli tat-taxxa għall-investiment transfruntier

permezz ta’ regoli koerenti fil-livell tal-UE tnaqqas il-kostijiet tal-konformità, ittejjeb l-effiċjenza tas-suq, ittejjeb iċ-ċarezza legali għall-flussi kapitali transfruntiera u ssaħħaħ il-kompetittività tas-servizzi finanzjarji tal-UE, filwaqt li fl-istess ħin trażżan l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva;	permezz ta’ regoli koerenti fil-livell tal-UE tnaqqas il-kostijiet tal-konformità, ittejjeb l-effiċjenza tas-suq, ittejjeb iċ-ċarezza legali għall-flussi kapitali transfruntiera u ssaħħaħ il-kompetittività tas-servizzi finanzjarji tal-UE, filwaqt li fl-istess ħin trażżan l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva; ***Jisħaq li tali kooperazzjoni jeħtieġ li tirrispetta s-sovranità fiskali tal-Istati Membri u l-prinċipju tas-sussidjarjetà;***

Or. en

Emenda 85
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li madwar terz ta’ dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE***, li juri n-nuqqasijiet tal-qafas finanzjarju u tat-taxxa tal-UE fiż-żamma tal-investiment***;	5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; ***jinnota*** li madwar terz ta’ dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE ***bil-ħsieb li jġib redditi ogħla***;
[4] Il-Kummissjoni Ewropea, “2026 European Macroeconomic Report” (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.	[4] Il-Kummissjoni Ewropea, “2026 European Macroeconomic Report” (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.

Or. en

Emenda 86
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li madwar terz ta' dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE, li juri n-nuqqasijiet tal-qafas finanzjarju ***u tat-taxxa*** tal-UE fiż-żamma tal-investiment;	5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li madwar terz ta' dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE, li juri n-nuqqasijiet tal-qafas finanzjarju tal-UE fiż-żamma tal-investiment;
[4] Il-Kummissjoni Ewropea, "2026 European Macroeconomic Report" (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.	[4] Il-Kummissjoni Ewropea, "2026 European Macroeconomic Report" (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.

Or. en

Emenda 87
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li madwar terz ta' dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE, li juri n-nuqqasijiet tal-qafas finanzjarju u tat-taxxa tal-UE ***fiż-żamma tal-investiment***;	5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li madwar terz ta' dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE, li juri n-nuqqasijiet tal-qafas finanzjarju u tat-taxxa tal-UE ***fl-offerta ta' opportunitajiet ta' investiment li huma attraenti fuq livell internazzjonali abbażi tar-riskji u r-redditi***;

[4] Il-Kummissjoni Ewropea, “2026 European Macroeconomic Report” (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.

[4] Il-Kummissjoni Ewropea, “2026 European Macroeconomic Report” (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.

Or. en

Emenda 88
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li madwar terz ta’ dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE, li juri n-nuqqasijiet tal-qafas finanzjarju u tat-taxxa tal-UE fiż-żamma tal-investiment;	5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; ***jinnota l-fatt*** li madwar terz ta’ dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE, li juri n-nuqqasijiet tal-qafas finanzjarju u tat-taxxa tal-UE fiż-żamma tal-investiment;
[4] Il-Kummissjoni Ewropea, “2026 European Macroeconomic Report” (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.	[4] Il-Kummissjoni Ewropea, “2026 European Macroeconomic Report” (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.

Or. en

Emenda 89
Bruno Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-	5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-

unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li madwar terz ta' dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE, li juri n-nuqqasijiet tal-qafas finanzjarju u tat-taxxa tal-UE fiż-żamma tal-investiment;	unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li madwar terz ta' dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE, li juri n-nuqqasijiet tal-qafas finanzjarju u tat-taxxa tal-UE fiż-żamma tal-investiment; ***jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk miżuri tat-taxxa jistgħux jinkoraġġixxu lill-investiment jgħaddi lejn l-ekonomija tal-UE minflok lejn ġuriżdizzjonijiet esterni; jissottolinja l-importanza li miżuri tat-taxxa amministrattivi u leġiżlattivi koordinati jiġu applikati għall-flussi finanzjarji li ħerġin lejn il-pajjiżi li jinsabu fil-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx;***
[4] Il-Kummissjoni Ewropea, "2026 European Macroeconomic Report" (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.	[4] Il-Kummissjoni Ewropea, "2026 European Macroeconomic Report" (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.
	Or. en

Emenda 90
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li madwar terz ta' dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE, li juri n-nuqqasijiet tal-qafas finanzjarju ***u tat-taxxa*** tal-UE fiż-żamma tal-investiment;	5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li madwar terz ta' dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE, li juri n-nuqqasijiet tal-qafas finanzjarju tal-UE fiż-żamma tal-investiment; ***jissottolinja li kwalunkwe bidla fir-regoli tal-VAT irid***

ikollha impatt limitat ħafna u valutat bir-reqqa fuq il-konsumaturi bl-imnut, b'mod partikolari l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju, u jeħtieġ li ma twassalx għal kostijiet ogħla għas-servizzi finanzjarji bażiċi;

[4] Il-Kummissjoni Ewropea, "2026 European Macroeconomic Report" (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.

[4] Il-Kummissjoni Ewropea, "2026 European Macroeconomic Report" (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.

Or. en

Emenda 91
Gilles Boyer, Katri Kulmuni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li madwar terz ta' dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE, li juri n-nuqqasijiet tal-qafas finanzjarju u tat-taxxa tal-UE fiż-żamma tal-investiment;	5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li madwar terz ta' dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE, li juri n-nuqqasijiet tal-qafas finanzjarju u tat-taxxa tal-UE fiż-żamma tal-investiment; ***iqis li t-tnaqqis tal-frammentazzjoni tat-taxxa u t-titjib tal-mezzi ta' investiment transfruntier huma fundamentali biex it-tfaddil Ewropew jiġi mobilizzat għall-investiment fi ħdan l-Unjoni;***

[4] Il-Kummissjoni Ewropea, "2026 European Macroeconomic Report" (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.

[4] Il-Kummissjoni Ewropea, "2026 European Macroeconomic Report" (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.

Or. en

Emenda 92
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li madwar terz ta' dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE, li juri n-nuqqasijiet tal-qafas finanzjarju u tat-taxxa tal-UE fiż-żamma tal-investiment;	5. Jinnota li, skont ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026 tal-Kummissjoni[4], ir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE għadha ferm ogħla mill-medja tal-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li madwar terz ta' dan it-tfaddil jiġi investit barra mill-UE, li juri n-nuqqasijiet tal-qafas finanzjarju u tat-taxxa tal-UE fiż-żamma tal-investiment; ***jinnota, f'dan ir-rigward, li taxxa fuq il-prodotti finanzjarji fil-livell Ewropew se tgerrex l-investituri;***
[4] Il-Kummissjoni Ewropea, "2026 European Macroeconomic Report" (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.	[4] Il-Kummissjoni Ewropea, "2026 European Macroeconomic Report" (Ir-Rapport Makroekonomiku Ewropew tal-2026), Novembru 2025.

Or. fr

Emenda 93
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***5a. Ifakkar fid-diffikultajiet tas-Swieq Kapitali Ewropej biex jidderieġu t-tfaddil tal-unitajiet domestiċi għal ġo prodotti ta' investiment, speċjalment dawk fit-tul; jissottolinja li l-introduzzjoni ta' tassazzjoni ġdida fuq is-servizzi finanzjarji tirriskja li żżid il-kost tal-kapital għall-**

SMEs u għall-investituri bl-imnut, tnaqqas il-likwidità tas-suq u timmina l-fluss tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi għal ġos-swieq kapitali;

Or. en

Emenda 94
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jissottolinja l-importanza li l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti tiġi avvanzata sabiex it-tfaddil għoli tal-unitajiet domestiċi tal-Ewropa jiġi mobilizzat għal investiment produttiv fi ħdan l-UE;

Or. en

Emenda 95
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jenfasizza li ambjent tat-taxxa kompetittiv huwa essenzjali biex jinżamm l-investiment fi ħdan l-UE u tissaħħaħ l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti;

Or. en

Emenda 96
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5c. Jilqa' r-rakkomandazzjoni ta' pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Kontijiet Ewropej tat-Tfaddil u tal-Investimenti bi trattament tat-taxxa simplifikat u vantaġġjuż, u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jadottaw arranġamenti tat-taxxa aktar kompetittivi għal tali kontijiet sabiex jimmobilizzaw it-tfaddil tal-unitajiet domestiċi għal investiment produttiv fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 97
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5d. Jisħaq li t-tnaqqis tad-diżinċentivi tat-taxxa għat-tfaddil u l-investiment huwa aktar effettiv għall-approfondiment tas-swieq kapitali tal-UE mill-ħolqien ta' taxxi ġodda bbażati fuq it-tranżazzjonijiet li jgħollu l-kost tal-intermedjazzjoni kapitali;

Or. en

Emenda 98
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li r-regoli tat-taxxa għas-settur finanzjarju jiġu ċċarati biex tittejjeb l-allokazzjoni tal-kapital u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur, filwaqt li jinżamm	6. Jitlob li r-regoli tat-taxxa għas-settur finanzjarju jiġu ċċarati biex tittejjeb l-allokazzjoni tal-kapital u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur, filwaqt li jinżamm

livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi l-impenn tagħha li tipproponi soluzzjonijiet ***innovattivi għat-tassazzjoni tas-settur u għal aktar integrazzjoni fil-livell tal-UE***;	livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi ***sal-aħħar*** l-impenn tagħha li tipproponi soluzzjonijiet ***immrati lejn it-titjib taċ-ċarezza, it-tnaqqis tal-kostijiet tal-konformità u l-appoġġ tal-investiment transfruntier mingħajr ma jiżdied il-piż tat-taxxa b'mod ġenerali***;

Or. en

Emenda 99
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li r-regoli tat-taxxa għas-settur finanzjarju jiġu ċċarati biex tittejjeb l-allokazzjoni tal-kapital u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni ***ssegwi l-impenn tagħha li tipproponi*** soluzzjonijiet innovattivi għat-tassazzjoni tas-settur u għal aktar integrazzjoni fil-livell tal-UE;	6. Jitlob li r-regoli tat-taxxa għas-settur finanzjarju jiġu ċċarati biex tittejjeb l-allokazzjoni tal-kapital u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni ***tivvaluta l-potenzjal ta'*** soluzzjonijiet innovattivi għat-tassazzjoni tas-settur u għal aktar integrazzjoni fil-livell tal-UE;

Or. en

Emenda 100
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li r-regoli tat-taxxa għas-settur finanzjarju jiġu ċċarati biex tittejjeb l-allokazzjoni tal-kapital u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur, filwaqt li ***jinżamm*** livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi l-impenn tagħha li tipproponi soluzzjonijiet	6. Jitlob li r-regoli tat-taxxa għas-settur finanzjarju jiġu ċċarati***, issimplifikati u magħmula aktar koerenti*** biex tittejjeb l-allokazzjoni tal-kapital u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur, ***u jiġu eliminati ostakli mhux meħtieġa għall-investiment kif ukoll għall-attività u għall-investiment***

innovattivi għat-tassazzjoni tas-settur ***u għal*** aktar integrazzjoni fil-livell tal-UE;	***transfruntiera,*** filwaqt li ***jiġi garantit*** livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi l-impenn tagħha li tipproponi soluzzjonijiet innovattivi għat-tassazzjoni tas-settur ***li jnaqqsu l-frammentazzjoni u jiffavorixxu*** aktar integrazzjoni ***tas-suq*** fil-livell tal-UE ***u jikkontribwixxu għat-tlestija tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti***;

Or. es

Emenda 101
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li r-regoli tat-taxxa għas-settur finanzjarju jiġu ċċarati biex tittejjeb l-allokazzjoni tal-kapital u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi l-impenn tagħha li tipproponi ***soluzzjonijiet innovattivi*** għat-tassazzjoni tas-settur u għal aktar integrazzjoni fil-livell tal-UE;	6. Jitlob li r-regoli tat-taxxa għas-settur finanzjarju jiġu ċċarati biex tittejjeb l-allokazzjoni tal-kapital u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi ***sal-aħħar*** l-impenn tagħha li tipproponi ***approċċ koerenti*** għat-tassazzjoni tas-settur u għal aktar integrazzjoni fil-livell tal-UE;

Or. en

Emenda 102
Matthias Ecke, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li r-regoli tat-taxxa għas-settur finanzjarju jiġu ċċarati biex tittejjeb l-allokazzjoni tal-kapital u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur;	6. Jitlob li r-regoli tat-taxxa għas-settur finanzjarju jiġu ċċarati biex tittejjeb l-allokazzjoni tal-kapital u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur;

jistieden lill-Kummissjoni ssegwi l-impenn tagħha li tipproponi soluzzjonijiet innovattivi għat-tassazzjoni tas-settur u għal aktar integrazzjoni fil-livell tal-UE;	jistieden lill-Kummissjoni ssegwi l-impenn tagħha li tipproponi soluzzjonijiet innovattivi għat-tassazzjoni tas-settur u għal aktar integrazzjoni fil-livell tal-UE; ***jenfasizza li t-taxxi fuq is-servizzi finanzjarji għandhom it-tendenza li jkollhom inċidenza ogħla fuq il-konsumaturi li l-aktar jużaw is-servizzi finanzjarji, b'mod partikolari l-prodotti finanzjarji kumplessi u mhux bażiċi, u hekk jintroduċu elementi ta' progressività fis-sistema;***
	Or. en

Emenda 103
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li r-regoli tat-taxxa għas-settur finanzjarju jiġu ċċarati biex tittejjeb l-allokazzjoni tal-kapital u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi l-impenn tagħha li tipproponi soluzzjonijiet innovattivi għat-tassazzjoni tas-settur u għal aktar integrazzjoni fil-livell tal-UE;	6. Jitlob li r-regoli tat-taxxa għas-settur finanzjarju jiġu ċċarati biex tittejjeb l-allokazzjoni tal-kapital u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi l-impenn tagħha li tipproponi soluzzjonijiet innovattivi għat-tassazzjoni tas-settur u għal aktar integrazzjoni fil-livell tal-UE; ***jenfasizza li t-titjib tal-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE permezz ta' oqfsa tat-taxxa stabbli, prevedibbli u li jiffavorixxu l-investimenti huwa essenzjali biex it-tfaddil jinżamm fi ħdan l-Unjoni u jitnaqqas il-ħruġ tal-kapital;***
	Or. en

Emenda 104
Gilles Boyer, Katri Kulmuni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jissottolinja li t-taxxi fuq is-settur finanzjarju introdotti biex tiġi promossa l-ġustizzja, tiġi appoġġjata l-konsolidazzjoni fiskali, jew biex jiġi żgurat il-kontribut tas-settur għall-kostijiet tal-kriżijiet finanzjarji għandhom jiġu kkalibrati bir-reqqa ħalli ma joħolqux distorsjonijiet dejjiema fis-swieq finanzjarji; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li tali miżuri jiġu soġġetti għal evalwazzjoni regolari tal-impatt ekonomiku tagħhom u riežaminati b'mod perjodiku;

Or. en

Emenda 105
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kunsill jiddeċiedi dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi sistema ta' Taxxa tal-Uffiċċju Reġistrat għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u li temenda d-Direttiva 2011/16/UE, filwaqt li jqis kif xieraq ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024;

Or. en

Emenda 106
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jafferma mill-ġdid li t-tassazzjoni

diretta tibqa' primarjament kompetenza tal-Istati Membri u li kwalunkwe inizjattiva fil-livell tal-UE trid tirrispetta bis-shiħ is-sovranità tat-taxxa nazzjonali;

Or. en

Emenda 107
Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jilqa' l-adozzjoni tad-Direttiva dwar Ħelsien Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f'Ras il-Għajn Eċċessivi (FASTER) bħala pass sinifikanti lejn is-simplifikar tal-proċeduri tat-taxxi f'ras il-għajn fl-Unjoni; jinnota, madankollu, li l-investituri għadhom qed iħabbtu wiċċhom mal-kumplessità, l-inċertezza u l-kostijiet meta jkunu qed ifittxu l-ħelsien mit-taxxi f'ras il-għajn madwar l-Istati Membri, u għalhekk jitlob li jsir aktar progress lejn qafas aktar ikkoordinat u ambizzjuż;

Or. en

Emenda 108
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jisħaq li, taħt is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, jingħataw eżenzjonijiet lill-attivitajiet ta' interess ġenerali, bħall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali b'rikonoxximent tal-funzjoni soċjali essenzjali tagħhom; jissottolinja li ċerti

	servizzi bankarji ta' bażi - b'mod partikolari s-servizzi ta' pagament, it-teħid ta' depożiti u l-forniment ta' kreditu bażiku - iwettqu funzjoni ta' utilità kważi pubblika billi jissalvagwardjaw it-tfaddil, jiffaċilitaw l-iskambju ekonomiku u jiżguraw li ċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sikur fl-ekonomija, u b'hekk jipprevjenu d-diżintermedjazzjoni u t-trekkin tal-flus kontanti barra mis-sistema finanzjarja regolata; jenfasizza li sehem sinifikanti mill-attivitajiet finanzjarji, tal-assigurazzjoni u ta' ġestjoni tal-assi jikkonsisti fi tranżazzjonijiet bil-wisq profittabbli u f'xi każijiet spekulattivi li ma jaqdux l-istess fini ta' interess ġenerali; iqis li ż-żamma ta' eżenzjoni mill-VAT wiesgħa u mhux iddifferenzjata għas-settur finanzjarju kollu kemm hu tqajjem tħassib serju rigward in-newtralità tat-taxxa, il-ġustizzja tat-taxxxa u l-adegwatezza tad-dħul mit-taxxa; jitlob li ssir rivalutazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-ġustifikazzjoni ta' tali eżenzjonijiet, bil-ħsieb li ssir distinzjoni ċara bejn is-servizzi finanzjarji essenzjali ta' interess ġenerali u attivitajiet oħra, f'konformità mal-objettivi tal-ekwità, l-istabbiltà finanzjarja, l-effiċjenza u l-finanzi pubbliċi sostenibbli;

Or. en

Emenda 109
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-indirizzar tar-reġim tal-VAT għas-servizzi finanzjarji	***imħassar***

Or. en

Emenda 110
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinnota li l-progress teknoloġiku wassal biex il-ġustifikazzjoni teknika oriġinali għall-eżenzjoni mill-VAT ma tibqax tgħodd; huwa tal-fehma li l-istatus quo jipperpetwa d-distorsjonijiet tas-suq, isaħħaħ il-preġudizzju tal-awtoprovvista fis-settur finanzjarju u joħloq żvantaġġi kompetittivi meta mqabbel ma' istituzzjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 111
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinnota li l-progress teknoloġiku wassal biex il-ġustifikazzjoni teknika oriġinali għall-eżenzjoni mill-VAT ma tibqax tgħodd; huwa tal-fehma li l-istatus quo jipperpetwa d-distorsjonijiet tas-suq, isaħħaħ il-preġudizzju tal-awtoprovvista fis-settur finanzjarju u joħloq żvantaġġi kompetittivi meta mqabbel ma' istituzzjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 112
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinnota li ***l-progress teknoloġiku wassal biex il-ġustifikazzjoni teknika oriġinali għall-eżenzjoni mill-VAT ma tibqax tgħodd; huwa tal-fehma li l-istatus quo jipperpetwa d-distorsjonijiet tas-suq, isaħħaħ il-preġudizzju tal-awtoprovvista fis-settur finanzjarju u joħloq żvantaġġi kompetittivi meta mqabbel ma' istituzzjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE***;	7. Jinnota li ***l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji ilha sservi biex jiġu evitati diffikultajiet tekniċi fl-applikazzjoni tal-VAT għal attivitajiet finanzjarji bbażati fuq il-marġnijiet u tkompli tipprovdi ċertezza tad-dritt u sempliċità amministrattiva***;

Or. en

Emenda 113
Siegbert Frank Droese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinnota li l-progress teknoloġiku wassal biex il-ġustifikazzjoni teknika oriġinali għall-eżenzjoni mill-VAT ma tibqax tgħodd***; huwa tal-fehma li l-istatus quo jipperpetwa d-distorsjonijiet tas-suq, isaħħaħ il-preġudizzju tal-awtoprovvista fis-settur finanzjarju u joħloq żvantaġġi kompetittivi meta mqabbel ma' istituzzjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE***;	7. Jinnota li l-progress teknoloġiku wassal biex il-ġustifikazzjoni teknika oriġinali għall-eżenzjoni mill-VAT ma tibqax tgħodd ***għal ebda raġuni***;

Or. de

Emenda 114
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinnota li l-progress teknoloġiku ***wassal*** biex il-ġustifikazzjoni teknika oriġinali għall-eżenzjoni mill-VAT ma	7. ***Jenfasizza li l-eżenzjoni tmur lura għall-1977 u kienet oriġinarjament iġġustifikata għal raġunijiet tekniċi, fejn***

tibqax tgħodd; huwa tal-fehma li l-istatus quo jipperpetwa d-distorsjonijiet tas-suq, isaħħaħ il-preġudizzju tal-awtoprovvista fis-settur finanzjarju u joħloq żvantaġġi kompetittivi meta mqabbel ma' istituzzjonijiet ***minn*** pajjiżi ***mhux tal-UE***;	***dak iż-żmien it-tassazzjoni ta' marġnijiet finanzjarji kumplessi kienet titqies bħala amministrattivament mhux fattibbli;*** Jinnota li l-progress teknoloġiku ***u d-diġitalizzazzjoni wasslu*** biex il-ġustifikazzjoni teknika oriġinali għall-eżenzjoni mill-VAT ma tibqax tgħodd; huwa tal-fehma li l-istatus quo jipperpetwa d-distorsjonijiet tas-suq ***u jpoġġi l-kostijiet moħbija fuq il-konsumaturi***, isaħħaħ il-preġudizzju tal-awtoprovvista fis-settur finanzjarju u joħloq żvantaġġi kompetittivi meta mqabbel ma' istituzzjonijiet ***ta'*** pajjiżi ***terzi***;
	Or. en

Emenda 115
Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinnota li l-progress teknoloġiku wassal biex il-ġustifikazzjoni teknika oriġinali għall-eżenzjoni mill-VAT ma tibqax tgħodd; huwa tal-fehma li l-istatus quo jipperpetwa d-distorsjonijiet tas-suq, isaħħaħ il-preġudizzju tal-awtoprovvista fis-settur finanzjarju u joħloq żvantaġġi kompetittivi meta mqabbel ma' istituzzjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE;	7. Jinnota li l-progress teknoloġiku wassal biex il-ġustifikazzjoni teknika oriġinali għall-eżenzjoni mill-VAT ma tibqax tgħodd***; jinnota, madankollu, li l-eżenzjoni mhux neċessarjament tikkostitwixxi vantaġġ għall-istituzzjonijiet finanzjarji, peress li żżommhom milli jirkupraw il-VAT tal-input***; huwa tal-fehma li l-istatus quo jipperpetwa d-distorsjonijiet tas-suq, isaħħaħ il-preġudizzju tal-awtoprovvista fis-settur finanzjarju u joħloq żvantaġġi kompetittivi meta mqabbel ma' istituzzjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE;
	Or. en

Emenda 116
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li inizjattivi ripetuti tal-Kummissjoni, inklużi l-proposti tagħha tal-2007 u l-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu tal-2020, ma rriżultawx f'riforma tal-eżenzjoni mill-VAT għas-settur finanzjarju; jinnota li dan l-aħħar il-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tippubblika emendi għad-Direttiva tal-VAT[5]fil-bidu tal-2023; josserva li dawn il-pjanijiet waqfu, u b'hekk din ir-riforma essenzjali għadha pendenti;	***imħassar***
[5] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj).	

Or. fr

Emenda 117
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li inizjattivi ripetuti tal-Kummissjoni, inklużi l-proposti tagħha tal-2007 u l-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu tal-2020, ma rriżultawx f'riforma tal-eżenzjoni mill-VAT għas-settur finanzjarju; jinnota li dan l-aħħar il-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tippubblika emendi għad-Direttiva tal-VAT[5]fil-bidu tal-2023; josserva li dawn il-pjanijiet waqfu, u b'hekk din ir-riforma essenzjali għadha pendenti;	***imħassar***
[5] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema	

komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj).

Or. en

Emenda 118
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt li inizjattivi ripetuti tal-Kummissjoni, inklużi l-proposti tagħha tal-2007 u l-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu tal-2020, ma rriżultawx f'riforma*** tal-eżenzjoni mill-VAT għas-settur finanzjarju; jinnota li dan l-aħħar il-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tippubblika emendi għad-Direttiva tal-VAT[5]fil-bidu tal-2023; josserva li dawn il-pjanijiet waqfu, u b'hekk din ir-riforma ***essenzjali*** għadha pendenti;	8. ***Jinnota li t-tentattivi preċedenti biex tiġi riformata l-eżenzjoni mill-VAT għas-servizzi finanzjarji qajmu tħassib dwar il-kumplessità, il-kostijiet tal-konformità u l-impatti negattivi potenzjali fuq l-investiment*** tal-eżenzjoni mill-VAT għas-settur finanzjarju; jinnota li dan l-aħħar il-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tippubblika emendi għad-Direttiva tal-VAT[5] fil-bidu tal-2023; josserva li dawn il-pjanijiet waqfu, u b'hekk din ir-riforma għadha pendenti;
13. Ifakkar li l-UE qed tiffaċċja diskrepanza sinifikanti ***fl-investiment*** ta' EUR 750 sa 800 biljun fis-sena biex tilħaq l-objettivi ***klimatiċi, diġitali u ta' awtonomija strateġika*** tagħha; ifakkar fl-impenn tal-Istati Membri u tal-UE li jżidu b'mod sostanzjali l-investiment Ewropew fid-difiża; jenfasizza li tassazzjoni ġusta tas-settur finanzjarju tista' timmobilizza d-dħul għall-investiment pubbliku;	13. Ifakkar li l-UE qed tiffaċċja diskrepanza sinifikanti ta' EUR 750 sa 800 biljun ***fl-investiment*** fis-sena biex tilħaq l-objettivi tagħha***, speċjalment il-kompetittività u s-saħħa ekonomika***; ifakkar fl-impenn tal-Istati Membri u tal-UE li jżidu b'mod sostanzjali l-investiment Ewropew fid-difiża; jenfasizza li tassazzjoni ġusta tas-settur finanzjarju tista' timmobilizza d-dħul għall-investiment pubbliku;

Or. en

Emenda 174
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar li l-UE qed tiffaċċja diskrepanza sinifikanti fl-investiment ta' EUR 750 sa 800 biljun fis-sena biex tilħaq l-objettivi klimatiċi, diġitali u ta' awtonomija strateġika tagħha; ifakkar fl-impenn tal-Istati Membri u tal-UE li jżidu b'mod sostanzjali l-investiment Ewropew fid-difiża; jenfasizza li tassazzjoni ***ġusta*** tas-settur finanzjarju tista' ***timmobilizza d-dħul*** għall-investiment pubbliku;	13. Ifakkar li l-UE qed tiffaċċja diskrepanza sinifikanti fl-investiment ta' EUR 750 sa 800 biljun fis-sena biex tilħaq l-objettivi klimatiċi, diġitali u ta' awtonomija strateġika tagħha; ifakkar fl-impenn tal-Istati Membri u tal-UE li jżidu b'mod sostanzjali l-investiment Ewropew fid-difiża; jenfasizza li tassazzjoni ***aktar koerenti*** tas-settur finanzjarju tista' ***tikkontribwixxi għall-mobilizzazzjoni tad-***

dħul għall-investiment pubbliku;

Or. en

Emenda 175
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jisħaq li qafas tat-taxxa għas-servizzi finanzjarji għandu jiġi ddisinjat bil-mira li jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investiment, filwaqt li jiġi ffukat fuq it-tishih tal-effiċjenza u tal-kompetittività; jissottolinja li t-tassazzjoni f'dan is-settur ma għandhiex tkun xprunata minn objettivi li jiżdied id-dħul, iżda, għall-kuntrarju, mill-ħtieġa li jiġu indirizzati l-fallimenti tas-swieq, u li jitrawmu l-investiment u t-tkabbir fit-tul;

Or. en

Emenda 176
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jisħaq li t-tassazzjoni tas-settur finanzjarju għandha tiġi rregolata bil-prinċipji tas-sempliċità, in-newtralità u ċ-ċertezza legali, sabiex jiġi evitat li d-deċiżjonijiet dwar l-investiment, il-finanzjament jew l-istabbiliment jirreaġixxu għad-distorsjonijiet tat-taxxa aktar milli għall-kriterji tal-effiċjenza ekonomika;

Or. es

Emenda 177
Matthias Ecke, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jenfasizza li l-letteratura empirika dwar is-suġġett tikkonkludi li t-TTF mhumiex assoċjati ma' distorsjonijiet sinifikanti tas-suq, iġorru kostijiet amministrattivi limitati u jistgħu jipprovdu sors stabbli ta' dħul[6a];
	[6a] Atanas PEKANOV, and Margit SCHRATZENSTALLER, The taxation of the EU's financial sector - Options and experiences, June 2025, p. 26, (Atanas PEKANOV u Margit SCHRATZENSTALLER, It-tassazzjoni tas-settur finanzjarju tal-UE - Għażliet u esperjenzi, Ġunju 2025, p. 26) https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2025/772638/ECTI_STU(2025)772638_EN.pdf

Or. en

Emenda 178
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***13b. Jenfasizza li l-isfidi sinifikanti tal-investiment li qed tiffaċċja l-Unjoni ma jistgħux jiġu indirizzati biss minn żieda fil-pożijiet tat-taxxa fuq is-settur finanzjarju, iżda minn qafas regolatorju fiskali li jiffavorixxi l-mobilizzazzjoni tal-kapital privat, l-innovazzjoni u allokazzjoni aktar effiċjenti tat-tfaddil lejn**

l-investimenti;

Or. es

Emenda 179
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Ifakkar fil-ftehim tal-2020 bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, inkluża TTF; jinnota li f'dak iż-żmien, TTF b'10 Stati Membri parteċipanti kienet tipproduċi madwar EUR 3,5 biljun fis-sena fi dħul pubbliku; jinnota li din iċ-ċifra kienet tiżdied għal EUR 31 sa 75 biljun bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha;	***imħassar***

Or. es

Emenda 180
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Ifakkar fil-ftehim tal-2020 bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, inkluża TTF; jinnota li f'dak iż-żmien, TTF b'10 Stati Membri parteċipanti kienet tipproduċi madwar EUR 3,5 biljun fis-sena fi dħul pubbliku; jinnota li din iċ-ċifra kienet tiżdied għal EUR 31 sa 75 biljun bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 181
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Ifakkar fil-ftehim tal-2020 bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda***, inkluża TTF***; ***jinnota li f'dak iż-żmien, TTF b'10 Stati Membri parteċipanti kienet tipproduċi madwar EUR 3,5 biljun fis-sena fi dħul pubbliku; jinnota li din iċ-ċifra kienet tiżdied għal EUR 31 sa 75 biljun bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha;***	14. Ifakkar fil-ftehim tal-2020 bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda;

Or. en

Emenda 182
Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Ifakkar fil-ftehim tal-2020 bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, inkluża TTF; jinnota li ***f'dak iż-żmien, TTF b'10 Stati Membri parteċipanti*** kienet ***tipproduċi madwar EUR 3,5 biljun fis-sena fi dħul pubbliku***; jinnota li ***din iċ-ċifra kienet tiżdied għal EUR 31 sa 75 biljun bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha***;	14. Ifakkar fil-ftehim tal-2020 bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, inkluża TTF; jinnota li ***l-idea ta' TTF fl-Unjoni kollha*** kienet ***is-suġġett ta' dibattitu estensiv iżda għadha qed tiffaċċja sfidi politiċi u ekonomiċi sinifikanti***; jinnota li ***l-estimi tad-dħul għal tali taxxa jvarjaw b'mod konsiderevoli skont il-kamp ta' applikazzjoni u d-disinn tagħha***; ***jissottolinja li riżorsi proprji ġodda għandhom isaħħu l-baġit tal-Unjoni filwaqt li jissalvagwardjaw il-kompetittività tal-impriżi Ewropej u għandhom, fejn possibbli, jimmiraw għall-attivitajiet ekonomiċi li jinvolvu***

atturi minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni u mhux ipoġġu pożijiet addizzjonali fuq il-kumpaniji stabbiliti fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 183
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Ifakkar fid-dinamika ċiklika tal-profitti tal-banek; jisħaq li tliet snin ta' ssikkar tal-politika monetarja u, konsegwentement, iż-żidiet fil-profitti tal-banek ġew wara 6 snin ta' reditti aktar baxxi u rati ta' interess baxxi ħafna li kienu qed jiġġieldu rati ta' inflazzjoni baxxi; jissottolinja, għaldaqstant, li kwalunkwe qafas tat-taxx jrid ikun mhux distorsiv u jrid iqis in-natura tranżitorja ta' tali profitti biex jevita li jxekkel l-istabbiltà finanzjarja fit-tul u l-provvista tal-kreditu;

Or. en

Emenda 184
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirtira l-proposta għal Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji (TTF) u jitlob li ssir enfasi fuq politiki li jsaħħu l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE;

Or. en

Emenda 185
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Iwissi li żieda sproporzjonata jew imposta temporanja fuq il-profitti tal-banek se jkollhom effetti negattivi fit-tul billi jnaqqsu l-istabbiltà finanzjarja u l-kapaċità ta' kreditu, u b'hekk jagħmlu ħsara lill-kompetittività tal-Unjoni Ewropea; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza li jingħata appoġġ lit-tnaqqis tal-predispożizzjoni favur id-dejn kapitali fil-qafas tat-tassazzjoni billi jiddaħħal tnaqqis newtrali u armonizzat għall-kapital biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u jitrawwem l-investiment fit-tul;

Or. en

Emenda 186
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Ifakkar li r-riċerka empirika dwar it-taxxi fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji tindika riskji sinifikanti ta' rilokazzjoni tas-swieq, likwidità mnaqqsa u kwalità tas-suq imnaqqsa, u għalhekk iwissi kontra li jerġgħu jitqajmu proposti għal TTF fl-UE kollha;

Or. en

Emenda 187

Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14c. Jinnota l-opinjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar l-imposti fuq is-settur finanzjarju fi Spanja, il-Polonja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, il-Latvja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja, fejn iwissi li tali taxxi jistgħu jżidu l-frammentazzjoni tas-sistema finanzjarja Ewropea u jxekklu l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fi ħdan l-Unjoni Bankarja; barra minn hekk, jinnota li dawn il-miżuri jistgħu jdgħajfu r-reżiljenza tas-settur bankarju għax-xokkijiet ekonomiċi billi jnaqqsulhom il-kapaċità li jinbnu lqugħ kapitali addizzjonali matul perjodi ta' profittabbiltà għolja, u potenzjalment jillimitaw l-abbiltà tal-istituzzjonijiet ta' kreditu milli jipprovdu kreditu lill-ekonomija reali;

Or. en

Emenda 188
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar tas-settur finanzjarju tal-UE tippreżenta pjan konkret biex jiġi indirizzat id-distakk fil-politika maħluq mill-irtirar tal-proposta tat-TTF;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 189
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar tas-settur finanzjarju tal-UE tippreżenta pjan konkret biex jiġi indirizzat id-distakk fil-politika maħluq mill-irtirar tal-proposta tat-TTF;	***imħassar***

Or. es

Emenda 190
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF; iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni ***tiżgura li kwalunkwe proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar tas-settur finanzjarju tal-UE tippreżenta pjan konkret biex jiġi indirizzat id-distakk fil-politika maħluq mill-irtirar tal-proposta tat-TTF***;	15. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni ***tevita li tintroduċi taxxi ġodda fl-UE kollha fuq is-servizzi finanzjarji li jistgħu jimminaw l-investiment u l-kompetittività***;

Or. en

Emenda 191
Jussi Saramo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jesprimi dispjaċir ***għall-fatt li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma*** tagħha ***għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF; iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni tiżgura li ***kwalunkwe proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar tas-settur*** finanzjarju ***tal-UE tippreżenta pjan konkret biex jiġi indirizzat id-distakk fil-politika maħluq mill-irtirar tal-proposta tat-TTF***;	15. Jesprimi dispjaċir ***kbir għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirtira l-proposta*** tagħha ***għal TTF; iqis li, fi żmien meta l-inugwaljanzi qed jikbru u hemm ħtiġijiet urġenti ta' investiment, l-Unjoni, minflok, għandha tvara mill-ġdid id-dibattitu politiku dwar l-introduzzjoni ta' TTF fl-UE kollha; jistieden*** lill-Kummissjoni ***tippreżenta proposta mġedda li tkun mibnija fuq il-ħidma preċedenti u li*** tiżgura li ***s-settur*** finanzjarju ***jagħti kontribut ġust u proporzjonat għall-finanzi pubbliċi***;

Or. en

Emenda 192
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar tas-settur finanzjarju tal-UE tippreżenta pjan konkret biex jiġi indirizzat id-distakk fil-politika maħluq mill-irtirar tal-proposta tat-TTF;***	15. ***Jirrikonoxxi n-nuqqas ta' progress fuq il-proposta tat-TTF u jieħu nota*** li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF;

Or. en

Emenda 193

Siegbert Frank Droese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, ***l-irtirar tal-proposta tat-TTF; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar tas-settur finanzjarju tal-UE tippreżenta pjan konkret biex jiġi indirizzat id-distakk fil-politika maħluq mill-irtirar tal-proposta tat-TTF;**	15. ***Jinnota l-fatt*** li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, ***li se tirtira l-proposta tat-TTF;***

Or. de

Emenda 194
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar tas-settur finanzjarju tal-UE tippreżenta pjan konkret biex jiġi indirizzat id-distakk fil-politika maħluq mill-irtirar tal-proposta tat-TTF***;	15. ***Jinnota l-fatt*** li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF ***minħabba nuqqas ta' progress fin-negozjati***;

Or. en

Emenda 195
Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF; ***iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni ***tiżgura li kwalunkwe proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar*** tas-settur finanzjarju ***tal-UE tippreżenta pjan konkret biex jiġi indirizzat id-distakk fil-politika maħluq mill-irtirar tal-proposta tat-TTF***;	15. ***Jinnota l-fatt*** li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF; ***jistieden*** lill-Kummissjoni ***twettaq valutazzjoni, trasparenti u bbażata fuq l-evidenza, tal-għażliet għat-tassazzjoni*** tas-settur finanzjarju ***fil-livell tal-Unjoni, inkluża analiżi komprensiva tal-impatt potenzjali tagħhom fuq il-funzjonament tas-swieq, fuq l-investimet transfruntier, u fuq il-kompetittività internazzjonali tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni***; ***jisħaq li TTF tkun aktar effettiva jekk tiġi implimentata fil-livell internazzjonali u li azzjoni unilaterali fil-livell tal-Unjoni tirriskja li tpoġġi lis-swieq finanzjarji Ewropej fi żvantaġġ kopetittiv;***

Or. en

Emenda 196
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tiżgura li kwalunkwe*** proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar tas-settur finanzjarju tal-UE ***tippreżenta pjan konkret biex jiġi indirizzat id-distakk fil-politika maħluq mill-irtirar tal-proposta tat-TTF***;	15. ***Jappoġġja l-fatt*** li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tippreżenta*** proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar tas-settur finanzjarju tal-UE***; jinkoraġġixxi li jiġi disinjat qafas immirat biex itejjeb l-effiċjenza u l-kompetittività tas-swieq kapitali Ewropej billi jevita t-tassazzjoni sproporzjonata u jiffoka fuq it-tnaqqis tal-"gold-plating"***;

Or. en

Emenda 197

Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni ħabbret***, fil-programm*** ta' ħidma tagħha għall-2026***, l-irtirar tal-proposta tat-TTF***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar tas-settur finanzjarju tal-UE tippreżenta pjan konkret biex jiġi indirizzat id-distakk fil-politika maħluq mill-irtirar ***tal-proposta*** tat-TTF;	15. Jesprimi dispjaċir ***kbir*** għall-fatt li l-Kummissjoni ħabbret ***l-irtirar tal-proposta dwar it-TTF tal-UE fil-Programm*** ta' Ħidma tagħha għall-2026***; iqis din id-deċiżjoni bħala pass serju lura fl-isforzi biex jiġi żgurat li s-settur finanzjarju jagħti kontribu ġust lill-ekonomija u lis-soċjetà, f'kuntest fejn l-inugwaljanzi qegħdin jikbru; ifakkar fl-appoġġ konsistenti tal-Parlament għal TTF fil-livell tal-UE ambizzjuża u koordinata bħala għodda biex jiġi żgurat li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi b'mod ġust għall-finanzjament ta' prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u biex jiġi promoss l-investiment fit-tul, filwaqt li tażżan l-ispekulazzjoni fuq terminu qasir eċċessiva, inkluż in-negozjar bi frekwenza għolja***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar tas-settur finanzjarju tal-UE tippreżenta pjan konkret ***u ambizzjuż*** biex jiġi indirizzat id-distakk fil-politika maħluq mill-irtirar tat-TTF ***u jħeġġiġha tippreżenta, mingħajr dewmien, proposta leġiżlattiva mġedda li tistabbilixxi taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (TTF) fl-UE kollha, inkluża l-possibbiltà li tiddaħħal bħala riżorsa proprja tal-UE***; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora soluzzjonijiet oħra għal TTF ambizzjuża fil-livell tal-UE inkluża l-kooperazzjoni ta' dawk li jixtiequ jikkooperaw;***

Or. en

Emenda 198
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar tas-settur finanzjarju tal-UE tippreżenta pjan konkret biex ***jiġi indirizzat id-distakk fil-politika maħluq mill-irtirar*** tal-proposta tat-TTF;	15. ***Jinnota l-fatt*** li l-Kummissjoni ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar tas-settur finanzjarju tal-UE tippreżenta pjan konkret biex ***tiġi indirizzata l-ħtieġa ta' approċċi alternattivi, fattibbli u globalment kompetittivi wara l-irtirar*** tal-proposta tat-TTF;

Or. en

Emenda 199
Matthias Ecke, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Bruno Gonçalves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li ***l-Kummissjoni*** ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar tas-settur finanzjarju tal-UE tippreżenta pjan konkret biex jiġi indirizzat id-distakk fil-politika maħluq mill-irtirar tal-proposta tat-TTF;	15. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li***, minħabba li l-Istati Membri naqsu milli jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex jilħqu qbil kemm taħt unanimità u kemm taħt kooperazzjoni msaħħa, il-Kummissjoni*** ħabbret, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, l-irtirar tal-proposta tat-TTF; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe proposta għal qafas koerenti għall-intaxxar tas-settur finanzjarju tal-UE tippreżenta pjan konkret biex jiġi indirizzat id-distakk fil-politika maħluq mill-irtirar tal-proposta tat-TTF;

Or. en

Emenda 200
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jappoġġja l-inklużjoni ta' qafas tat-taxxa koerenti u armonizzat għas-settur finanzjarju fi ħdan il-proposta tat-"28 reġim", bl-għan li jinkiseb ambjent effiċjenti u kompetittiv li jiżgura li jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti;

Or. en

Emenda 201
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jenfasizza li l-kompetittività tas-settur finanzjarju huwa marbut b'mod intrinsiku mal-kompetittività tal-ekonomija reali kollha kemm hi; jissottolinja li, minħabba r-rabtiet sinifikanti man-negozji klijenti, kwalunkwe piż sproporzjonat fuq is-servizzi finanzjarji jittraduċi ruħu f'kostijiet ogħla tal-kapital għall-SMEs u f'kapaċità ta' investiment imnaqqsa għall-unitajiet domestiċi;

Or. en

Emenda 202
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li kwalunkwe proposta futura dwar it-taxxa għandha tiżgura li s-	***imħassar***

settur finanzjarju jagħti kontribuzzjoni finanzjarja ġusta, soda u sempliċi skont regoli ċari u prevedibbli; jisħaq li dawn ir-regoli għandhom jissalvagwardjaw l-istabbiltà u l-kompetittività tas-suq u jimmitigaw il-kostijiet għall-konsumaturi bl-imnut;

Or. en

Emenda 203
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li kwalunkwe proposta futura dwar it-taxxa għandha ***tiżgura li s-settur finanzjarju jagħti kontribuzzjoni finanzjarja ġusta, soda u sempliċi skont regoli ċari u prevedibbli; jisħaq li dawn ir-regoli għandhom jissalvagwardjaw l-istabbiltà u l-kompetittività tas-suq u jimmitigaw il-kostijiet għall-konsumaturi bl-imnut***;	16. Jenfasizza li kwalunkwe proposta futura dwar it-taxxa għandha ***tkun konformi għalkollox mal-ispirtu tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u ma tridx tikkontrobatti l-objettivi li tiżdied il-parteċipazzjoni fis-swieq finanzjarji fil-livell tal-konsumatur u li s-swieq finanzjarji Ewropej isiru aktar integrati, aktar likwidi, aktar effiċjenti u aktar profondi***;

Or. en

Emenda 204
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li kwalunkwe proposta futura dwar it-taxxa għandha ***tiżgura li s-settur finanzjarju jagħti kontribuzzjoni finanzjarja ġusta, soda u sempliċi skont*** regoli ċari u prevedibbli; jisħaq li dawn ir-regoli għandhom jissalvagwardjaw l-istabbiltà u l-kompetittività tas-suq u	16. Jenfasizza li kwalunkwe proposta futura dwar it-taxxa għandha ***tkun ibbażata fuq*** regoli ċari***, sempliċi*** u prevedibbli; jisħaq li dawn ir-regoli għandhom jissalvagwardjaw l-istabbiltà u l-kompetittività tas-suq***, jiffaċilitaw l-inverżjoni u l-attività trasnfruntiera*** u

jimmitigaw il-kostijiet għall-konsumaturi bl-imnut;	jimmitigaw il-kostijiet għall-konsumaturi bl-imnut;

Or. es

Emenda 205
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li kwalunkwe proposta futura dwar it-taxxa għandha tiżgura li ***s-settur finanzjarju jagħti kontribuzzjoni finanzjarja ġusta, soda u sempliċi*** skont regoli ċari u prevedibbli; jisħaq li dawn ir-regoli għandhom jissalvagwardjaw l-istabbiltà u l-kompetittività tas-suq ***u*** jimmitigaw il-kostijiet għall-konsumaturi bl-imnut;	16. Jenfasizza li kwalunkwe proposta futura dwar it-taxxa għandha tiżgura li ***t-tassazzjoni tibqa' proporzjonata, prevedibbli u ta' appoġġ għall-investiment u għat-tkabbir ekonomiku*** skont regoli ċari u prevedibbli; jisħaq li dawn ir-regoli għandhom jissalvagwardjaw l-istabbiltà u l-kompetittività tas-suq***,*** jimmitigaw il-kostijiet għall-konsumaturi bl-imnut***, u ma għandhomx idaħħlu taxxi ġodda fuq it-tranżazzjonijiet jew miżuri oħra li jirriskjaw li jkomplu jifframmentaw is-swieq kapitali***;

Or. en

Emenda 206
Siegbert Frank Droese

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. ***Jenfasizza*** li kwalunkwe proposta futura dwar it-taxxa għandha tiżgura li s-settur finanzjarju jagħti kontribuzzjoni finanzjarja ġusta, soda u sempliċi skont regoli ċari u prevedibbli; jisħaq li dawn ir-regoli ***għandhom*** jissalvagwardjaw l-istabbiltà u l-kompetittività tas-suq u jimmitigaw il-kostijiet għall-konsumaturi bl-imnut;	16. ***Jissottolinja*** li kwalunkwe proposta futura dwar it-taxxa għandha tiżgura li s-settur finanzjarju jagħti kontribuzzjoni finanzjarja ġusta, soda u sempliċi skont regoli ċari u prevedibbli; jisħaq li dawn ir-regoli ***jridu*** jissalvagwardjaw l-istabbiltà u l-kompetittività tas-suq u jimmitigaw il-kostijiet għall-konsumaturi bl-imnut;

Or. de

Emenda 207
Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li kwalunkwe proposta futura dwar it-taxxa għandha tiżgura li s-settur finanzjarju jagħti kontribuzzjoni finanzjarja ġusta, soda u sempliċi skont regoli ċari u prevedibbli; jisħaq li dawn ir-regoli għandhom jissalvagwardjaw l-istabbiltà u l-kompetittività tas-suq u jimmitigaw il-kostijiet għall-konsumaturi bl-imnut;	16. Jenfasizza li kwalunkwe proposta futura dwar it-taxxa għandha tiżgura li s-settur finanzjarju jagħti kontribuzzjoni finanzjarja ġusta, soda u sempliċi skont regoli ċari u prevedibbli; jisħaq li dawn ir-regoli għandhom jissalvagwardjaw l-istabbiltà u l-kompetittività tas-suq u jimmitigaw il-kostijiet għall-konsumaturi bl-imnut; ***jenfasizza b'mod partikolari li r-riformi għandhom jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-frammentazzjoni tat-taxxa u tal-kostijiet tal-konformità fi ħdan l-Unjoni u għandhom jevitaw li jissostitwixxu l-oqfsa eżistenti tat-taxxa, inkluża l-eżenzjoni mill-VAT, b'taxxi addizzjonali speċifiċi għas-settur li jistgħu jimponu piżijiet sproporzjonati fuq attivitajiet, istituzzjonijiet jew tranżazzjonijiet finanzjarji speċifiċi u jiġġeneraw effetti negattivi għall-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti;***

Or. en

Emenda 208
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li kwalunkwe proposta futura dwar it-taxxa għandha tiżgura li s-settur finanzjarju jagħti kontribuzzjoni finanzjarja ġusta, soda u sempliċi skont	16. Jenfasizza li kwalunkwe proposta futura dwar it-taxxa għandha tiżgura li s-settur finanzjarju jagħti kontribuzzjoni finanzjarja ġusta, soda u sempliċi skont

regoli ċari u prevedibbli; jisħaq li dawn ir-regoli għandhom jissalvagwardjaw l-istabbiltà u l-kompetittività tas-suq u jimmitigaw il-kostijiet għall-konsumaturi bl-imnut;	regoli ċari u prevedibbli; jisħaq li dawn ir-regoli għandhom jissalvagwardjaw l-istabbiltà u l-kompetittività tas-suq u jimmitigaw il-kostijiet għall-konsumaturi bl-imnut; ***jissottolinja li kwalunkwe miżura addizzjonali tat-taxxa m'għandhiex taffettwa b'mod negattiv il-kapaċità tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jipprovdu finanzjament, b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi u għall-SMEs;***
	Or. en

Emenda 209
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li kwalunkwe proposta futura dwar it-taxxa għandha tiżgura li s-settur finanzjarju jagħti kontribuzzjoni finanzjarja ġusta, soda u sempliċi skont regoli ċari u prevedibbli; jisħaq li dawn ir-regoli għandhom jissalvagwardjaw l-istabbiltà u l-kompetittività tas-suq u jimmitigaw il-kostijiet għall-konsumaturi bl-imnut;	16. Jenfasizza li kwalunkwe proposta futura dwar it-taxxa għandha tiżgura li s-settur finanzjarju jagħti kontribuzzjoni finanzjarja ġusta, soda u sempliċi skont regoli ċari***, trasparenti*** u prevedibbli; jisħaq li dawn ir-regoli għandhom jissalvagwardjaw l-istabbiltà u l-kompetittività tas-suq u jimmitigaw il-kostijiet għall-konsumaturi bl-imnut;
	Or. en

Emenda 210
Jussi Saramo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jenfasizza li l-introduzzjoni ta' Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji (TTF) fl-UE kollha armonizzata tikkontribwixxi biex tiġi korreġuta s-

sottotassazzjoni strutturali tas-settur finanzjarju; jissottolinja li tali taxxa tista' tipprovdi sors stabbli u sinifikanti ta' dħul pubbliku; jisħaq li TTF iddisinjata tajjeb tista' tikkontribwixxi biex jitrażżnu l-imġiba spekulattiva fuq terminu qasir u n-negozjar bi frekwenza għolja, u b'hekk issaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja mingħajr ma timmina l-investiment fit-tul;

Or. en

Emenda 211
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jirrikonoxxi li TTF fl-UE kollha, jekk qatt tiġi adottata, tista' tagħmel il-prodotti finanzjarji aktar għaljin minħabba li l-istituzzjonijiet finanzjarji jgħaddu l-kostijiet li jirriżultaw mit-TTF fuq l-investituri bl-imnut;

Or. en

Emenda 212
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jenfasizza li fin-nuqqas ta' TTF globali, TTF fl-UE kollha tista' tiskatta r-rilokazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji mill-UE lejn pajjiżi terzi, u b'hekk tikkawża tnaqqis fid-dħul mit-taxxa u fil-kompetittività tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE;

Or. en

Emenda 213
Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16c. Jinnota li xi studji wrew li l-TTF jistgħu jwasslu għal tnaqqis fil-volumi tal-kummerċ, li jaffettwa b'mod negattiv id-dħul mit-taxxa;

Or. en

Emenda 214
Fernand Kartheiser

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li taxxi temporanji koordinati fuq profitti mhux mistennija jistgħu jikkomplementaw it-tassazzjoni fit-tul fis-settur kollu billi jipprovdu dħul fuq terminu qasir fi żminijiet ta' kriżi mingħajr ma jiddestabbilizzaw is-swieq jew ifixklu l-attività kummerċjali fit-tul; jisħaq li tali taxxi temporanji għandhom ikunu trasparenti u proporzjonati, strettament marbuta biż-żmien u japplikaw biss għall-profitti li jirriżultaw minn ċirkostanzi mhux relatati mal-gwadanji fil-produttività jew maż-żidiet fid-domanda; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għat-tassazzjoni temporanja ta' profitti eċċezzjonali fis-settur finanzjarju, filwaqt li tiżgura li s-settur jagħti kontribuzzjoni ġusta u koordinata fil-livell tal-UE f'perjodi ta' ċirkostanzi makroekonomiċi straordinarji;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 215
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li taxxi temporanji koordinati fuq profitti mhux mistennija jistgħu jikkomplementaw it-tassazzjoni fit-tul fis-settur kollu billi jipprovdu dħul fuq terminu qasir fi żminijiet ta' kriżi mingħajr ma jiddestabbilizzaw is-swieq jew ifixklu l-attività kummerċjali fit-tul; jisħaq li tali taxxi temporanji għandhom ikunu trasparenti u proporzjonati, strettament marbuta biż-żmien u japplikaw biss għall-profitti li jirriżultaw minn ċirkostanzi mhux relatati mal-gwadanji fil-produttività jew maż-żidiet fid-domanda; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għat-tassazzjoni temporanja ta' profitti eċċezzjonali fis-settur finanzjarju, filwaqt li tiżgura li s-settur jagħti kontribuzzjoni ġusta u koordinata fil-livell tal-UE f'perjodi ta' ċirkostanzi makroekonomiċi straordinarji;	***imħassar***

Or. en

Emenda 216
Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li taxxi temporanji koordinati fuq profitti mhux mistennija jistgħu jikkomplementaw it-tassazzjoni fit-tul fis-settur kollu billi jipprovdu dħul fuq terminu qasir fi żminijiet ta' kriżi mingħajr ma jiddestabbilizzaw is-swieq	***imħassar***

jew ifixklu l-attività kummerċjali fit-tul; jisħaq li tali taxxi temporanji għandhom ikunu trasparenti u proporzjonati, strettament marbuta biż-żmien u japplikaw biss għall-profitti li jirriżultaw minn ċirkostanzi mhux relatati mal-gwadanji fil-produttività jew maż-żidiet fid-domanda; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għat-tassazzjoni temporanja ta' profitti eċċezzjonali fis-settur finanzjarju, filwaqt li tiżgura li s-settur jagħti kontribuzzjoni ġusta u koordinata fil-livell tal-UE f'perjodi ta' ċirkostanzi makroekonomiċi straordinarji;

Or. en

Emenda 217
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li taxxi temporanji koordinati fuq profitti mhux mistennija jistgħu jikkomplementaw it-tassazzjoni fit-tul fis-settur kollu billi jipprovdu dħul fuq terminu qasir fi żminijiet ta' kriżi mingħajr ma jiddestabbilizzaw is-swieq jew ifixklu l-attività kummerċjali fit-tul; jisħaq li tali taxxi temporanji għandhom ikunu trasparenti u proporzjonati, strettament marbuta biż-żmien u japplikaw biss għall-profitti li jirriżultaw minn ċirkostanzi mhux relatati mal-gwadanji fil-produttività jew maż-żidiet fid-domanda; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għat-tassazzjoni temporanja ta' profitti eċċezzjonali fis-settur finanzjarju, filwaqt li tiżgura li s-settur jagħti kontribuzzjoni ġusta u koordinata fil-livell tal-UE f'perjodi ta' ċirkostanzi makroekonomiċi straordinarji;	***imħassar***

Or. en

Emenda 218
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li ***taxxi temporanji koordinati fuq profitti*** mhux mistennija ***jistgħu jikkomplementaw it-tassazzjoni fit-tul fis-settur kollu billi jipprovdu dħul fuq terminu qasir fi żminijiet ta' kriżi mingħajr ma jiddestabbilizzaw is-swieq jew ifixklu l-attività kummerċjali fit-tul; jisħaq li tali taxxi temporanji*** għandhom ***ikunu trasparenti u proporzjonati, strettament marbuta biż-żmien u japplikaw biss għall-profitti li jirriżultaw minn ċirkostanzi mhux relatati mal-gwadanji fil-produttività jew maż-żidiet fid-domanda; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għat-tassazzjoni temporanja ta' profitti eċċezzjonali fis-settur finanzjarju, filwaqt li tiżgura li s-settur jagħti kontribuzzjoni ġusta u koordinata fil-livell tal-UE f'perjodi ta' ċirkostanzi makroekonomiċi straordinarji***;	17. Jenfasizza li ***t-taxxi fuq il-profitti*** mhux mistennija għandhom ***effett distorsiv fuq is-suq, idgħajfu s-sinjali rilevanti tal-prezzijiet u joħolqu ambjent ta' politika imprevedibbli li jiskoraġġixxi l-investimenti***;

Or. en

Emenda 219
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li taxxi temporanji koordinati ***fuq profitti mhux mistennija jistgħu jikkomplementaw it-tassazzjoni fit-tul fis-settur kollu billi jipprovdu dħul fuq***	17. Jenfasizza li taxxi temporanji koordinati ***adottati*** fi żminijiet ta' kriżi ***jridu jkunu l-eċċezzjoni, strettament*** proporzjonati, ***legalment ċari u*** marbuta

terminu qasir fi żminijiet ta' kriżi ***mingħajr ma jiddestabbilizzaw is-swieq jew ifixklu l-attività kummerċjali fit-tul; jisħaq li tali taxxi temporanji għandhom ikunu trasparenti u*** proporzjonati, ***strettament*** marbuta biż-żmien ***u japplikaw biss għall-profitti li jirriżultaw minn ċirkostanzi mhux relatati mal-gwadanji fil-produttività jew maż-żidiet fid-domanda***; jistieden lill-Kummissjoni ***tressaq proposta leġiżlattiva għat-tassazzjoni temporanja ta' profitti eċċezzjonali fis-settur*** finanzjarju***, filwaqt li tiżgura li s-settur jagħti kontribuzzjoni ġusta u koordinata fil-livell tal-UE f'perjodi ta'*** ċirkostanzi makroekonomiċi straordinarji;

biż-żmien***, sabiex jiġu evitati effetti negattivi fuq l-investiment, l-istabbiltà finanzjarja, il-kompetittività u l-funzjonament xieraq tas-swieq; jisħaq li tali miżuri ma għandhomx jissostitwixxu riformi strutturali li għandhom l-għan li jissimplifikaw il-qafas fiskali, inaqqsu l-frammentazzjoni u jsaħħu l-abbiltà tal-Unjoni li timmobilizza l-kapital privat***; jistieden lill-Kummissjoni***, meta tqis miżuri temporanji applikabbli għas-settur*** finanzjarju ***waqt*** ċirkostanzi makroekonomiċi straordinarji***, biex tivvaluta l-impatt tagħhom fuq l-investiment, l-attività transfruntiera, l-istabbiltà tas-suq u l-kompetittività tal-Unjoni u tiżgura li d-distorsjonijiet permanenti jew il-piżijiet sproporzjonati taħt l-ebda ċirkostanza ma nħolqu għall-ekonomija***;

Or. es

Emenda 220
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li taxxi temporanji koordinati fuq ***profitti*** mhux mistennija jistgħu jikkomplementaw it-tassazzjoni fit-tul fis-settur kollu billi jipprovdu dħul fuq terminu qasir ***fi żminijiet ta' kriżi*** mingħajr ma jiddestabbilizzaw is-swieq jew ***ifixklu l-attività*** kummerċjali fit-tul; jisħaq li tali ***taxxi*** temporanji għandhom ikunu trasparenti u proporzjonati, strettament marbuta biż-żmien u japplikaw biss għall-profitti li jirriżultaw minn ċirkostanzi mhux relatati mal-gwadanji fil-produttività jew maż-żidiet fid-domanda; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva ***għat-tassazzjoni*** temporanja ta' profitti eċċezzjonali fis-settur finanzjarju, filwaqt li	17. ***Jenfasizza li, fil-kuntest tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar it-trattament tal-VAT tas-servizzi finanzjarji, is-settur finanzjarju jeħtieġ li fil-frattemp jagħti kontribut ġust u viżibbli għall-finanzi pubbliċi b'mod partikolari f'perjodi ta' ċirkostanzi makroekonomiċi straordinarji;*** jenfasizza li taxxi temporanji koordinati fuq ***il-profitti*** mhux mistennija jistgħu jikkomplementaw it-tassazzjoni fit-tul fis-settur kollu billi jipprovdu dħul fuq terminu qasir mingħajr ma jiddestabbilizzaw is-swieq jew ***joħolqu distorsjoni tal-attività*** kummerċjali fit-tul; ***jissottolinja li tali strumenti temporanji jistgħu jiġu mobilizzati b'mod aktar***

tiżgura li s-settur jagħti kontribuzzjoni ġusta u koordinata fil-livell tal-UE ***f'perjodi ta' ċirkostanzi makroekonomiċi straordinarji***;	***rapidu milli riforma strutturali tal-VAT u jistgħu għalhekk iservu ta' risponse interim xieraq;*** jisħaq li tali ***strumenti*** temporanji għandhom ikunu trasparenti u proporzjonati, strettament marbuta biż-żmien u japplikaw biss għall-profitti li jirriżultaw minn ċirkostanzi mhux relatati mal-gwadanji fil-produttività jew maż-żidiet fid-domanda; jistieden lill-Kummissjoni tressaq***, fejn xieraq,*** proposta leġiżlattiva ***għal qafas tal-UE koordinat li jippermetti t-tassazzjoni*** temporanja ta' profitti eċċezzjonali fis-settur finanzjarju, filwaqt li ***jiżgura kontribut ġust u konsistenti*** fil-livell tal-UE ***qabel ma jsir qbil dwar kwalunkwe reviżjoni komprensiva tar-regoli tal-VAT***;
	Or. en

Emenda 221
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. JInnota bi tħassib l-introduzzjoni ta' imposti nazzjonali speċifiċi fuq istituzzjonijiet finanzjarji fejn ġew imfassla jew miżmuma barra minn approċċ ikkoordinat fil-livell tal-Unjoni; jissottolinja li tali miżuri jirriskjaw iżidu l-frammentazzjoni tas-suq intern, idgħajfu ċ-ċertezza legali, ifixklu l-kompetizzjoni u jnaqqsu l-kapaċità tas-settur finanzjarju biex jidderieġu l-kapital lejn l-ekonomija reali; jisħaq, għalhekk, li kwalunkwe miżura fiskali applikabbli għas-settur għandha tkun proporzjonata, temporanja meta dawn jirreaġixxu għal ċirkostanzi eċċezzjonali, u kompatibbli mal-objettivi tal-integrazzjoni tas-suq, tal-investiment, u tal-kompetittività;
	Or. es

Emenda 222
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jisħaq li t-taxxi temporanji fuq il-profitti mhux mistennija jew fuq il-profitti eċċezzjonali jistgħu joħolqu distorsjoni, iżidu l-inċertezza tal-investituri u jdgħajfu l-inċentivi għall-investiment fit-tul, speċjalment fejn id-dħul fis-sehħ tagħhom u l-irtirar tagħhom mhumiex prevedibbli; jinnota li r-riċerka[2a] dwar it-tassazzjoni fuq il-profitti żejda jissottolinja li t-taxxi temporanji ddisinjati ħażin jistgħu jinteraġixxu b'mod negattiv mad-deċiżjonijiet ta' investiment u mal-inċentivi ta' trasferiment tal-profitti; iqis għalhekk li tali miżuri ma għandhomx jiġu promossi bħala soluzzjoni ġenerali fil-livell tal-UE għas-settur finanzjarju;

[2a] https://www.imf.org/-/media/files/publications/wp/2022/english/wpiea2022187-print-pdf.pdf

Or. en

Emenda 223
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jinsab imħasseb minħabba r-rakkomandazzjoni ripetittiva tal-Kummissjoni biex jintużaw inċentivi fiskali biex tissaħħaħ l-attraenza tal-prodotti tat-tfaddil u tal-pensjoni;

jenfasizza li l-inċentivi fiskali fuq il-prodotti tat-tfaddil u tal-pensjoni għandhom effetti antiridistribuттivi; huwa tal-fehma li t-tariffi ogħla imposti fuq l-investituri bl-imnut tal-UE meta mqabbla mal-pari tagħhom inaqqsu r-redditi tagħhom b'mod sinifikanti; iqis li l-politika tat-taxxa mhijiex l-għodda t-tajba biex jiġi kkumpensat id-disfunzjonament tal-mudell ta' distribuzzjoni tal-prodotti finanzjarji tal-UE;

Or. en

Emenda 224
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jisħaq li t-taxxi fuq il-profitti mhux mistennija jew fuq il-profitti eċċezzjonali għandhom jibqgħu strettament kompetenza nazzjonali u ma għandhomx jiġu kkoordinati fil-livell tal-UE;

Or. en